

Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011

P7_TC1-COD(2010)0056**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-3 ta' Frar 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1964/2005 dwar ir-rati ta' tariffa għall-banana**

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 306/2011.)

Skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku *I**

P7_TA(2011)0037

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Frar 2011 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (riformulazzjoni) (COM(2008)0810 – C6-0472/2008 – 2008/0241(COD))

(2012/C 182 E/13)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: riformulazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2008)0810),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 251(2) u 175(1) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ressqet il-proposta lill-Parlament (C6-0472/2008),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill bl-isem "Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona dwar il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għadejjin bħalissa" (COM(2009)0665),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE,
- wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-11 ta' Ġunju 2009 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat tar-Reġjuni tal-4 ta' Diċembru 2009 ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika tar-riformulazzjoni tal-atti legali ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra l-ittra tat-3 ta' April 2009 mill-Komitat għall-Affarijiet Legali lill-Komitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel skont l-Artikolu 87(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament,

⁽¹⁾ ĠU C 306, 16.12.2009, p. 39.

⁽²⁾ ĠU C 141, 29.5.2010, p. 55.

⁽³⁾ ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011

- wara li kkunsidra l-Artikoli 87 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsira r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0229/2010),
- A. billi skont il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta in kwistjoni ma tinkludix emendi sostantivi għajr dawk identifikati bħala tali fil-proposta u billi fir-rigward tal-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li ma nbidlux tal-atti preċedenti flimkien ma' dawk l-emendi, il-proposta fiha kodifikazzjoni sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr ebda bidla fis-sustanza tagħhom,
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari kif qed tiġi indikata hawn taħt filwaqt li tingħata konsiderazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b' test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

P7_TC1-COD(2008)0241**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-3 ta' Frar 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/.../UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (riformulazzjoni)**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni ⁽²⁾,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽³⁾,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) ⁽⁴⁾ għandhom isirulha għadd ta' bidliet sostanzjali. Fl-interess taċ-ċarezza, dik id-Direttiva għandha tiġi rriformulata.

⁽¹⁾ ĠU C 306, 16.12.2009, p. 39.

⁽²⁾ ĠU C 141, 29.5.2010, p. 55.

⁽³⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Frar 2011.

⁽⁴⁾ ĠU L 37, 13.2.2003, p. 24.

Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011

- (2) L-għanijiet tal-politika ambjentali tal-Unjoni huma, b'mod partikolari, li jippreservaw, jipproteġu u jtejbju l-kwalità tal-ambjent, jipproteġu s-saħħa tal-bniedem u jutilizzaw riżorsi naturali b'mod prudenti u raġonevoli. Dik il-politika hija bbażata fuq il-prinċipju prekawzjonarju u fuq il-prinċipji li għandha tittieħed azzjoni preventiva, li ħsara ambjentali għandha bħala prijorità tiġi rrettifikata fis-sors, u li min iniġġes għandu jħallas.
- (3) Il-programm Komunitarju ta' politika u azzjoni li għandu x'jaqsam mal-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli (Il-Ħames Programm ta' Azzjoni Ambjentali) ⁽¹⁾ jiddikjara li l-ksib ta' żvilupp sostenibbli jitlob bdil sinifikanti f'mudelli attwali ta' żvilupp, produzzjoni, konsum u mgħiba u jiffavorixxi, fost l-oħrajn, it-tnaqqis ta' konsum ħali ta' riżorsi naturali u l-prevenzjoni tat-tniġġis. Jirreferi għall-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) bħala wieħed mill-oqsma fil-mira li għandhom jiġu rregolati, fid-dawl tal-applikazzjoni tal-prinċipji ta' prevenzjoni, irkupru u rimi sikur tal-iskart.
- (4) Din id-Direttiva tissupplementa l-leġiżlazzjoni ġenerali tal-UE dwar il-ġestjoni tal-iskart, bħal pereżempju d-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart ⁽²⁾. Din tirreferi għad-definizzjonijiet tad-Direttiva inklużi d-definizzjonijiet tal-operazzjonijiet tal-ġestjoni tal-iskart u l-iskart ġenerali. Id-definizzjoni ta' ġbir skont id-Direttiva 2008/98/KE tinkludi s-separazzjoni preliminari u l-ħżin preliminari tal-iskart għal skopijiet ta' trasport lejn faċilità ta' trattament tal-iskart. Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ tistabbilixxi qafas għall-iffissar tar-rekwiżiti għall-ekodizzinn ta' prodotti relatati mal-enerġija u tippermetti l-adozzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi ta' ekodizzinn għall-prodotti relatati mal-enerġija li jistgħu jkunu koperti wkoll b'din id-Direttiva. Id-Direttiva 2009/125/KE u l-miżuri ta' implimentazzjoni adottati skont din id-Direttiva huma mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-ġestjoni tal-iskart. Id-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju fit-tagħmir elettriku u elettroniku ⁽⁴⁾ tesiġi s-sostituzzjoni ta' sustanzi projbiti għat-tagħmir elettriku u elettroniku kollu (EEE) fi ħdan l-ambitu tagħha.
- (5) Id-Direttiva 2008/98/KE tipprovdi li regoli speċifiċi għal waqtiet partikolari jew li jissupplementaw dawk tad-Direttiva dwar it-tmexxija ta' kategoriji partikolari tal-iskart jistgħu jiġu stipulati permezz ta' Direttivi individwali.
- (6) Hekk kif is-suq qed ikompli jespandi u ċ-ċikli ta' innovazzjoni saħansitra qegħdin jiqsaru aktar, il-bdil tat-tagħmir qed jaċċelera, u l-WEEE qed isir fluss ta' skart li qed jikber b'rata mgħaġġla. Filwaqt li d-Direttiva 2002/95/KE tikkontribwixxi b'mod effettiv għat-tnaqqis ta' sustanzi perikolużi fl-EEE l-ġdid, sustanzi perikolużi bħall-merkurju, il-kadmju, iċ-ċomb, il-kromju eżivalenti u l-bifenili poliklorinati (PCBs) u sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu xorta se jibqgħu preżenti fil-WEEE għal ħafna snin. Il-kontenut ta' sustanzi perikolużi f'(EEE) huwa ta' tħassib ewlieni waqt il-fażi ta' ġestjoni tal-iskart tal-WEEE u r-riċiklaġġ tal-WEEE ma jitwettaqx sa limitu suffiċjenti. Nuqqas ta' riċiklaġġ jirriżulta fit-telf ta' riżorsi prezzjużi.
- (7) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tikkontribwixxi għall-produzzjoni u l-konsum sostenibbli bil-prevenzjoni ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) bħala l-prijorità ewlenija, u barra dan, bl-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u forom oħra ta' rkupru ta' WEEE sabiex tnaqqas ir-rimi ta' skart u tikkontribwixxi għall-użu effiċjenti tar-riżorsi **u l-irkupru ta' materja prima strateġika**. Tfittex ukoll li ttejjeb ir-rendiment ambjentali tal-operaturi kollha involuti fiċ-ċiklu tal-ħajja ta' EEE, pereżempju l-produtturi, id-distributuri u l-konsumaturi u b'mod partikolari dawk l-operaturi involuti direttament fil-ġbir u t-trattament ta' WEEE. B'mod partikolari, applikazzjonijiet nazzjonali differenti tal-prinċipju ta' responsabbiltà tal-produttur jistgħu jwasslu għal differenzi sostanzjali fil-piż finanzjarju fuq l-operaturi ekonomiċi. Politiki nazzjonali differenti dwar il-ġestjoni tal-WEEE jfixklu l-effikaċja tal-politiki ta' riċiklaġġ. Għal dik ir-raġuni l-kriterji essenzjali għandhom jiġu stipulati fil-livell tal-Unjoni **u għandhom jiġu żviluppati standards armonizzati għall-ġbir u l-ġestjoni tal-WEEE**.

⁽¹⁾ ĠU C 138, 17.5.1993, p. 5.

⁽²⁾ ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.

⁽³⁾ ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10.

⁽⁴⁾ ĠU L 37, 13.2.2003, p. 19.

Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011

- (8) Peress li l-għanijiet tal-azzjoni li għandha tittieħed ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni minħabba l-iskala tal-problema, l-Unjoni tista' għalhekk tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk il-għanijiet.
- (9) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw għal prodotti u produtturi irrispettivament mill-metodu ta' teknika ta' bejgħ, inkluż bejgħ mill-bogħod u elettroniku. F'dan il-każ l-obbligazzjonijiet ta' produtturi u distributuri li qed jużaw mezzi ta' bejgħ mill-bogħod u elettroniku għandhom, safejn ikun prattikabbli, jieħdu l-istess forma u għandhom jiġu infurzati bl-istess mod sabiex jiġi evitat li mezzi oħra ta' distribuzzjoni jkollhom iġarrbu l-ispejjeż li jirriżultaw mid-Direttiva li għandha x'taqşam ma' WEEE li t-tagħmir tiegħu nbiegħ permezz ta' bejgħ mill-bogħod jew elettroniku.
- (10) Din id-Direttiva għandha tkopri l-EEE kollu użat minn konsumaturi u tagħmir elettriku u elettroniku maħsub għall-użu professjonali. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar rekwiżiti ta' sikurezza u ta' saħħa li jiproteġu l-atturi kollha f'kontatt mal-WEEE kif ukoll leġiżlazzjoni dwar ġestjoni ta' skart speċifiku tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi ⁽¹⁾, u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar id-diżinn ta' prodotti, b'mod partikolari d-Direttiva 2005/32/KE *Inter alia, għandhom jiġu esklużi mill-qasam ta' applikazzjoni l-installazzjonijiet fissi l-kbar ladarba dawn huma installati u joperaw b'mod permanenti f'post partikolari u jiġu mibnija u żmantellati minn professjonisti, jiġifieri jirrappreżentaw fluss ta' skart regolat. Għodod industrijali fissi fuq skala kbira u li ma jiċċaqilqux installati biex joperaw f'lokalità speċifika għandhom jiġu esklużi wkoll mill-qasam ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Barra minn hekk, għandu jiġi eskluż il-makkinarju mobbli operat biss minn utenti professjonali peress li dan ukoll jiżżarma u jintrema minn professjonisti u għalhekk jirrappreżenta fluss ta' skart kontrollat. Il-moduli fotovoltajċi, li wkoll jiġu installati u żarmati minn professjonisti u huma strumentali biex jintlaħqu l-għanijiet rigward l-enerġija rinnovabbli u b'hekk jgħinu għal tnaqqis tas-CO₂, għandhom għalhekk jiġu esklużi wkoll Barra minn hekk, l-industrija tal-enerġija solari daħlet fi ftehim ambjentali volontarju bl-għan li jiġu rriċiklati 85 % tal-moduli fotovoltajċi. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk dan il-ftehim huwiex tal-anqas jikseb riżultati ekwivalenti meta mqabbla ma' din id-Direttiva u jekk huwiex ikopri l-moduli fotovoltajċi kollha mqiegħda fis-suq u, jekk jidhrilha xieraq, fuq il-bażi ta' rapport għandha tissottometti proposta li tinkludi l-moduli fotovoltajċi fil-qasam ta' applikazzjoni tad-Direttiva.*
- (11) It-twaqqif, permezz ta' din id-Direttiva, ta' responsabbiltà tal-produttur huwa wieħed mill-mezzi li jinkoraġġixxu d-diżinn u l-produzzjoni ta' tagħmir elettriku u elettroniku li jqisu b'mod sħiħ u jiffaċilitaw it-tiswija, it-titjib possibbli, l-użu mill-ġdid, iż-żarmar u r-riċiklaġġ tiegħu.
- (12) Sabiex jiggarantixxu s-sikurezza u s-saħħa tal-persunal tad-distributuri li jieħdu lura l-WEEE u li huma involuti fil-ġestjoni tiegħu, l-Istati Membri għandhom, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni dwar ir-rekwiżiti tas-sikurezza u tas-saħħa, jiddeterminaw il-kundizzjonijiet meta d-distributuri jistgħu jirrifjutaw li jieħdu lura l-WEEE.
- (13) Il-ġbir separat huwa kundizzjoni ddeterminata minn qabel sabiex jiġi żgurat it-trattament speċifiku u r-riċiklaġġ tal-WEEE, u huwa meħtieġ biex jinkiseb il-livell magħżul ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent fl-Unjoni. Il-konsumaturi għandhom jikkontribwixxu b'mod attiv għas-suċċess ta' dan it-tip ta' ġbir u għandhom jiġu inkoraġġuti biex jirritornaw il-WEEE. Għal dan il-għan, għandhom jitwaqqfu faċilitajiet konvenjenti sabiex il-WEEE jiġi rritornat, inklużi punti ta' ġbir pubbliċi, fejn djar privati jkunu jistgħu jirritornaw l-iskart tagħhom għall-inqas mingħajr ħlas. Id-distributuri, **il-muniċipalitajiet u tar-riċiklaġġ kollha** għandhom rwol importanti biex jikkontribwixxu għas-suċċess tal-ġbir u l-ġestjoni tal-WEEE u **għalhekk għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.**

(1) ĠU L 266, 26.9.2006, p. 1.

- (14) Sabiex jinkiseb il-livell magħżul ta' protezzjoni u ta' għanijiet ambjentali armonizzati tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri xierqa biex jimminimizzaw ir-rimital-WEEE bħala skart muniċipali mhux isseparat u biex jinkiseb livell għoli ta' għbir separat ta' WEEE. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jħabirku biex iwaqqfu skemi ta' għbir effiċjenti, għandhom ikunu meħtieġa jiksbu livell għoli ta' għbir ta' WEEE, b'mod partikolari għal tagħmir ta' tkessiħ u ffrizjar li jkun fih sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu u gassijiet serra flworinati, minħabba l-impatt qawwi li għandhom fuq l-ambjent u fid-dawl tal-obbligi fir-Regolament (KE) 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu ⁽¹⁾ u r-Regolament (KE) 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Mejju 2006 dwar ċerti gassijiet serra flworinati Test b'rilevanza għaż-ŻEE ⁽²⁾. Id-dejta inkluża fil-valutazzjoni tal-impatt turi li 65 % tal-EEE mqiegħed fis-suq, illum diġà qiegħed jinġabar separatament, iżda aktar minn nofsu jgħaddi minn trattament mhux xieraq u jiġi esportat illegalment **jew jiġi trattat kif suppost iżda l-ammonti trattati ma ġewx irrapportati**. Dan iwassal għal nuqqas importanti ta' materja prima sekondarja u degradazzjoni ambjentali **u l-ġhoti ta' dejta inkonsistenti**. Sabiex dan jiġi evitat jenħtieġ li titwaqqaf mira ta' għbir ambizzjuża **li tobbliga lill-atturi kollha li jiġbru l-WEEE biex jiżguraw it-trattament tiegħu b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent u li dawn l-atturi jintalbu jirrapportaw il-volumi miġbura, ġestiti u trattati. Huwa ta' importanza fundamentali li l-Istati Membri jiżguraw li din id-Direttiva tiġi infurzata effettivament, b'mod partikolari fir-rigward tal-iċċekkar tal-EEE esportat barra mill-Unjoni**.
- (15) Trattament speċifiku għall-WEEE huwa indispensabbli sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' inkwinanti fil-materjal riċiklat jew fil-fluss ta' skart. Trattament ta' dan it-tip huwa l-mezz l-aktar effettiv biex tiġi żgurata konformità mal-livell magħżul ta' protezzjoni tal-ambjent tal-Unjoni. Kwalunkwe stabiliment jew impriża li twettaq operazzjonijiet ta' għbir, riċiklaġġ u trattament għandha tikkonforma ma' standards minimi li jipprevjenu impatti ambjentali negattivi assoċjati mat-trattament tal-WEEE. L-aqwa tekniki ta' trattament, irkupru u ta' riċiklaġġ disponibbli għandhom jintużaw sakemm dawn ikunu jiżguraw is-saħħa tal-bniedem u protezzjoni ambjentali għolja. L-aqwa tekniki ta' trattament, ta' rkupru u ta' riċiklaġġ disponibbli jistgħu jiġu ddefiniti aktar skont il-proċeduri tad-Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tiġiż ⁽³⁾.
- (16) **Il-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji Sanitarji Emerġenti u Identifikati Riċentement, fl-opinjoni tiegħu dwar "Il-Valutazzjoni tar-Riskju tal-Prodotti tan-Nanoteknoloġija" tad-19 ta' Jannar 2009, iddikjara li l-esponiment għal nanomaterjali li huma integrati sew fi strutturi kbar, pereżempju f'ċirkwiti elettroniċi, jista' jseħħ fil-fażi tar-rimi jew tar-riċiklaġġ tal-iskart. Biex jiġu kkontrollati r-riskji possibbli għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent mit-trattament ta' nanomaterjali li fihom il-WEEE, jista' jinħtieġ trattament selettiv. Ikun xieraq li l-Kummissjoni tivvaluta jekk it-trattament selettiv għandux jiġi applikat għan-nanomaterjali rilevanti.**
- (17) Fejn xieraq, għandha tingħata prijorità lill-użu mill-ġdid tal-WEEE u l-komponenti tiegħu, is-submuntaturi u l-oġġetti tal-konsum. Fejn użu mill-ġdid mhuwiex preferibbli, il-WEEE kollu miġbur separatament għandu jintbagħat għall-irkupru, u tul dan il-proċess għandu jinkiseb livell għoli ta' riċiklaġġ u rkupru. Barra dan, il-produtturi għandhom jiġu inkoraġġuti biex jintegraw materjal riċiklat f'tagħmir ġdid.
- (18) L-irkupru, il-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' tagħmir jistgħu jgħoddu lejn il-ksib tal-miri ddefiniti f'din id-Direttiva biss jekk dak l-irkupru jew dik il-preparazzjoni partikolari għall-użu mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ ma tmurx kontra leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni u nazzjonali applikabbli għat-tagħmir. **L-iżgurar ta' rkupru u preparazzjoni xierqa għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' tagħmir huwa importanti għall-immaniġjar sod tar-riżorsi u jottimizza l-provvista tar-riżorsi.**
- (19) Prinċipji bażiċi rigward il-finanzjament ta' ġestjoni tal-WEEE għandhom jifasslu fil-livell tal-Unjoni u skemi ta' finanzjament għandhom jikkontribwixxu għal rati għoljin ta' għbir kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' responsabbiltà tal-produttur.

⁽¹⁾ ĠU L 286, 31.10.2009, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 161, 14.6.2006, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 24, 29.1.2008, p. 8.

Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011

- (20) L-utenti ta' EEE minn djar privati għandu jkollhom il-possibbiltà li jirritornaw il-WEEE għall-inqas mingħajr ħlas. Produtturi għandhom **għalhekk** jiffinanzjaw il-ġbir u t-trattament, l-irkupru u r-rimital-WEEE. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu **lill-partijiet kollha involuti fil-ġestjoni**, ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku **sabiex jgħinu biex jintlaħaq l-oġġettiv ta' din id-Direttiva** sabiex jevitaw li l-WEEE li jinġabar separatament jgħaddi minn trattament substandard kif ukoll l-esportazzjoni illegali. **▮** Sabiex il-ħlas għall-ġbir ta' dan l-iskart **jgħaddi** minn dawk li jħallsu t-taxxa **għall-konsumaturi** tal-EEE u sabiex il-finanzjament ikun konformi mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas **l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-produtturi biex jittrattaw l-iskart miġbur kollu ta' tagħmir elettriku u elettroniku. Sabiex jiġi ffaċilitat trattament xieraq, il-konsumaturi għandhom ir-responsabilità li jiżguraw li l-EEE fi tmiem il-ħajja tiegħu jittieħed fil-faċilitajiet tal-ġbir.** Sabiex jingħata effett massimu lill-kunċett ta' responsabbiltà tal-produttur, kull produttur għandu jkun responsabbli għall-finanzjament tal-ġestjoni tal-iskart mill-prodotti tiegħu stess. Il-produttur għandu jkun jista' jagħżel li jwettaq dan l-obbligu jew individwalment jew billi jingħaqad ma' skema kollettiva. Meta jqiegħed prodott fis-suq, kull produttur **jew parti terza li taġixxi f'ismu** għandu jipprovi garanzija finanzjarja biex jipprevjeni li l-ispejjeż għall-ġestjoni tal-WEEE minn prodotti orfni jiġġarrbu mis-soċjetà jew mill-bqija tal-produtturi. Ir-responsabbiltà għall-finanzjament tal-ġestjoni ta' skart storiku għandha tinqasam bejn il-produtturi kollha eżistenti fi skemi ta' finanzjament kollettivi li għalihom il-produtturi kollha, li jkunu jeżistu fis-suq meta jseħħu l-ispejjeż, jikkontribwixxu proporzjonalment. Skemi ta' finanzjament kollettivi ma għandux ikollhom l-effett li jeskludu produtturi ta' prodotti speċjalizzati (niche) u ta' volumi żgħar, importaturi u dawk li jidħlu ġodda.
- ▮**
- (21) Tagħrif lill-utenti dwar il-ħtieġa li l-WEEE ma jntremiex bħala skart municijali mhux isseparat u biex il-WEEE jinġabar b'mod separat, u dwar is-sistemi ta' ġbir u r-rwol tagħhom fil-ġestjoni tal-WEEE, huwa indispensabbli għas-suċċess tal-ġbir tal-WEEE. Dan it-tip ta' tagħrif jimplika l-immarkar kif suppost ta' EEE li jista' jispiċċa flaned taż-żibel jew mezz simili ta' ġbir ta' skart municijali.
- (22) Tagħrif dwar l-identifikazzjoni ta' komponenti u materjali li għandu jiġi pprovdut minn produtturi huwa importanti biex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni, u b'mod partikolari t-trattament u l-irkupru jew ir-riċiklaġġ tal-WEEE.
- (23) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura ta' spezzjoni u monitoraġġ tippermetti l-verifika tal-implimentazzjoni kif suppost ta' din id-Direttiva, wara li jikkunsidraw, *inter alia*, ir-Rakkomandazzjoni 2001/331/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-4 ta' April 2001 li tipprovi għal kriterji minimi għal spezzjonijiet ambjentali fl-Istati Membri ⁽¹⁾.
- (24) Tagħrif dwar il-piż ta' EEE mqiegħed fis-suq fl-Unjoni u r-rati ta' ġbir, użu mill-ġdid, inkluż sa fejn huwa possibbli użu mill-ġdid ta' tagħmir sħiħ, irkupru jew riċiklaġġ u esportazzjoni tal-WEEE miġbura skont din id-Direttiva huwa meħtieġ sabiex jiġi mmonitorjat il-ksib tal-għanijiet ta' din id-Direttiva.
- (25) L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jimplementaw ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva permezz ta' ftehimiet bejn l-awtoritajiet kompetenti u s-setturi ekonomiċi konċernati sakemm jintlaħqu rekwiżiti partikolari.
- ▮**
- (26) **Biex jitnaqqsu l-ostakoli li qed ixekklu l-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-piżijiet amministrattivi għandhom jitnaqqsu permezz tal-armonizzazzjoni tar-reġistrar u l-proċeduri tar-rappurtar u billi ma jitħallix li jkun hemm ħlasijiet multipli għal reġistrazzjonijiet multipli fi Stati Membri individwali. B'mod partikolari, produttur m'għandux jibqa' obligat li jkollu sede legali fi Stat Membru biex it-tagħmir elettriku u elettroniku jkun jista' jitqiegħed fis-suq f'dak l-Istat Membru. Minflok il-ħatra ta' rappreżentant legali lokali residenti f'dak l-Istat Membru għandha tkun biżżejjed. Għal infurzar Prattiku ta' din il-leġiżlazzjoni għandu jkun possibbli għall-Istati Membri li jidentifikaw il-produttur li huwa responsabbli għall-prodott u jsegwu lura l-katina ta' forniment**

(1) ĠU L 118, 27.4.2001, p. 41.

Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011

mid-distributur finali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jagħmel EEE disponibbli għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru (kummerċ ġewwa l-Unjoni) għandu jew jikkonkludi ftehim mal-produttur jieħu ħsieb ir-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħmir u l-iffinanzjar tal-immagnijar tal-iskart minn dak it-tagħmir.

- (27) *Sabiex tadatta d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għall-progress tekniku u xjentifiku u jiġu adottati miżuri oħra neċessarji l-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ta' delega f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' miżuri transitorji, l-adattament tal-annessi, ir-regoli dettaljati għall-verifika u monitoraġġ tal-konformità, ir-rekwiżiti minimi u metodoloġija għall-kalkolu tal-livell ta' garanziji finanzjarji, id-definizzjoni ta' "volum verament żgħir ta' WEEE" u ta' "mikro-intrapriżi li joperaw fuq superfiċje żgħira", il-format tar-reġistrazzjoni u r-rappurtar, il-frekwenza tar-rappurtar u emendi għar-regoli li jirrigwardaw rapporti dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.*
- (28) L-obbligu li din id-Direttiva tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali għandu jiġi llimitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw bidla sostantiva meta mqabbla mad-Direttivi ta' qabel. L-obbligu li d-dispożizzjonijiet li mhumiex mibdula jiġu trasposti, ġej mid-Direttivi ta' qabel.
- (29) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi stabbiliti fl-Anness VI, il-Parti B,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Direttiva tistipula miżuri għall-protezzjoni tal-ambjent u s-saħħa tal-bniedem permezz tal-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-impatti negattivi tal-ġenerazzjoni u l-ġestjoni ta' WEEE u bit-tnaqqis tal-impatti ġenerali **negattivi** mill-użu ta' riżorsi u t-titjib tal-effiċjenza f'dan it-tip ta' użu, **f'konformità mal-Artikoli 1 u 4 tad-Direttiva 2008/98/KE. Din id-Direttiva tesiġi li l-operaturi kollha involuti fiċ-ċiklu tal-ħajja ta' xi prodott itejbu l-istandards ambjentali tagħhom, u b'hekk tikkontribwixxi għal produzzjoni u rkupru sostenibbli.**

Artikolu 2

L-ambitu

1. Din id-Direttiva għandha, suġġett għall-paragrafu 3, tapplika għal EEE **kollu**.
2. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar sikurezza u saħħa, marbuta ma' kimika, b'mod partikolari r-Regolament (KE) 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ⁽¹⁾ kif ukoll tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni speċifika dwar il-ġestjoni tal-iskart jew id-diżinn ta' prodotti.
3. Din id-Direttiva ma **tapplikax għal** **█**:
 - (a) EEE li huwa meħtieġ għall- protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Istati Membri, inklużi armi, munizzjon u materjal tal-gwerra maħsuba għal għanijiet speċifikament militari.
 - (b) EEE li huwa ddiżinjat speċifikament bħala parti minn tip ieħor ta' tagħmir li ma jaqax taħt l-ambitu ta' din id-Direttiva u jista' jintuża biss jekk ikun jagħmel parti minn dak it-tagħmir.

█
(c) **stallazzjonijiet industrijali fissi kbar;**

⁽¹⁾ ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011

- (d) *għodod industrijali fissi fuq skala kbira li ma jiċċaqilqux;*
- (e) *makkinarju mobbli li ma jintużax fit-toroq maħsub esklużivament għall-utenti professjonali;*
- (f) *mezzi tat-trasport għal persuni jew merkanzija;*
- (g) *moduli fotovoltajċi;*
- (h) bozoz bil-filament.
- (i) Apparat mediku impjantat jew infettat.

Sa mhux aktar tard minn ... (*), u kull ħames snin ta' wara, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jeżamina l-qasam ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari jekk il-moduli fotovoltajċi għandhomx jiġu inklużi fil-qasam ta' applikazzjoni tagħha. Il-parti tar-rapport dwar il-moduli fotovoltajċi għandu jevalwa, b'mod partikolari, ir-rati fattwali miksuba ta' ġbir u riċiklaġġ. Fejn ikun xieraq, fuq il-bażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tissottometti proposta.

I

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) tagħmir elettriku u elettroniku' jew "EEE" tfisser tagħmir li huwa dipendenti fuq kurrenti tal-elettriku jew kampijiet elettromanjetiċi sabiex jaħdem sew u tagħmir għall-ġenerazzjoni, it-trasferiment u l-kejl ta' kurrenti u kampijiet ta' dan it-tip, **iddiżinjat** għall-użu ma' vultaġġ massimu li ma jaqbiżx l-1000 Volt għal kurrent alternanti u 1500 Volt għal kurrent dirett;
- (b) "skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku" jew "WEEE" tfisser tagħmir elettriku jew elettroniku li huwa skart skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/98/KE, inklużi l-komponenti kollha, is-submontaturi u l-oġġetti tal-konsum li huma parti mill-prodott fil-waqt li jintrema;
- (c) **"apparat mediku" jfisser EEE fl-ambitu tad-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 dwar mezzi mediċi⁽¹⁾ jew id-Direttiva 98/79/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 1998 dwar il-mezzi mediċi dijanjostiċi in vitro⁽²⁾;**
- (d) "prevenzjoni" tfisser prevenzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 3(12) tad-Direttiva 2008/98/KE;
- (e) "użu mill-ġdid" tfisser użu mill-ġdid skont it-tifsira tal-Artikolu 3(13) tad-Direttiva 2008/98/KE;
- (f) "preparazzjoni għall-użu mill-ġdid" tfisser preparazzjoni għall-użu mill-ġdid skont it-tifsira tal-Artikolu 3(16) tad-Direttiva 2008/98/KE;
- (g) "riċiklaġġ" tfisser riċiklaġġ skont it-tifsira tal-Artikolu 3(17) tad-Direttiva 2008/98/KE;

(*) 5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

⁽¹⁾ ĠU L 169, 12.7.1993, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 331, 7.12.1998, p. 1.

Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011

- (h) "irkupru" tfisser irkupru skont it-tifsira fl-Artikolu 3(15) tad-Direttiva 2008/98/KE;
- (i) "rimi" tfisser rimi skont it-tifsira fl-Artikolu 3(19) tad-Direttiva 2008/98/KE;
- (j) "trattament" tfisser trattament skont it-tifsira fl-Artikolu 3(14) tad-Direttiva 2008/98/KE;
- (k) "produttur" tfisser kwalunkwe persuna naturali jew legali li, irrispettivament mill-metodu ta' bejgħ użat, inkluż permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod skont id-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-20 ta' Mejju 1997 dwar il-protezzjoni ta' konsumaturi rigward kuntratti li jsiru mill-bogħod ⁽¹⁾;
- (i) jimmanifattura EEE fismu jew fisem it-trejdmark tiegħu stess, jew għandu EEE ddiżinjat jew immanifatturat u iqiegħed dak it-tagħmir elettroniku fuq is-suq fismu jew fisem it-trejdmark tiegħu,
- (ii) jerġa' jbiegħ fismu jew fisem it-trejdmark tiegħu tagħmir prodott minn fornituri oħrajn, fejn wieħed li jbiegħ mill-ġdid ma jitqiesx bħala l-'produttur' jekk id-ditta tal-produttur tidher fuq it-tagħmir, kif imsemmi fis-subpunt (i), jew
- (iii) huwa stabbilit fl-Unjoni u jqiegħed EEE minn pajjiż terz fuq bażi professjonali fis-Suq tal-Unjoni.
- Kull min jipprovi esklussivament finanzjament skont kwalunkwe ftehim ta' finanzjament ma għandux jitqies bħala "produttur" għajr jekk huwa wkoll jaġixxi bħala produttur skont it-tifsira tas-subpunti (i) sa (iii);
- (l) "distributtur" tfisser kwalunkwe persuna naturali jew legali fil-katina tal-provvista, li jagħmel disponibbli EEE fis-suq;
- (m) "WEEE minn djar privati" tfisser WEEE li jiġu minn djar privati u minn sorsi kummerċjali, industrijali, istituzzjonali jew sorsi oħra li, minħabba fin-natura u l-kwantità tagħhom, huma simili għal WEEE minn djar privati **u WEEE li seta' ntuża bħala EEE kemm minn djar privati u kemm minn utenti oħrajn li ma jkunux djar privati;**
- (n) "skart perikoluż" tfisser skart perikoluż skont it-tifsira tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/98/KE;
- (o) "ftehim ta' finanzjament" tfisser kull self, kiri b'self, kiri jew ftehim jew arranġament ta' bejgħ iddiferit li għandu x'jaqsam ma' kwalunkwe tagħmir kemm jekk it-termini ta' dak il-ftehim jew l-arranġament, jew xi ftehim jew arranġament kollaterali, jipprovdut li trasferiment ta' sjieda ta' dak it-tagħmir se jseħħ jew jista' jseħħ, u kemm jekk le;
- (p) "tagħmel disponibbli fis-suq" tfisser kwalunkwe provvista ta' prodott għad-distribuzzjoni, il-konsum jew l-użu fis-suq tal-Unjoni tul attività kummerċjali kemm jekk issir bi ħlas kif ukoll jekk tkun mingħajr ħlas;
- (q) "tqiegħed fis-suq" tfisser l-ewwel darba li prodott ikun disponibbli fis-suq tal-Unjoni;
- (r) "tneħħi" tfisser trattament manwali, mekkaniku, kimiku jew metallurġiku li jirriżulta fil-konteniment ta' sustanzi perikolużi, preparazzjonijiet u komponenti bħala fluss identifikabbli jew parti identifikabbli minn fluss fit-tmiem tal-proċess ta' trattament. Sustanza, preparazzjoni jew komponent huma identifikabbli jekk jistgħu jiġu mmonitorjati biex jiġi muri bi prova trattament li huwa sikur għall-ambjent;
- (s) "ġbir" tfisser ġbir skont it-tifsira tal-Artikolu 3(10) tad-Direttiva 2008/98/KE;

(1) ĠU L 144, 4.6.1997, p. 19.

Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011

- (t) "ġbir separat" tfisser ġbir separat skont it-tifsira tal-Artikolu 3(11) tad-Direttiva 2008/98/KE;
- (u) "installazzjonijiet fissi kbar" tfisser kombinazzjoni partikulari ta' diversi tipi ta' apparat u, fejn japplika, tagħmir ieħor, li huwa armat u installat b'mod permanenti f'post definit minn qabel. Ma għandhiex tinkludi prodotti tad-dawl;
- (v) "għodda industrijali fuq skala kbira installata f'post fiss u li ma tiċċaqlaqx" tfisser kumpless ta' makkinarju, tagħmir u/jew komponenti mfassla sabiex jintużaw flimkien f'industrija sabiex iwettqu xogħol speċifiku li jiġu installati minn persunal speċjalizzat u jkunu lokalizzati b'mod permanenti matul il-fażi tal-użu tagħhom;
- (w) "makkinarju mobbli li ma jintużax fit-toroq" tfisser makkinarju li jeħtieġ jew mobilità waqt li jiġihaddem, jew moviment kontinwu jew semikontinwu bejn sensiela ta' postijiet fissi tax-xogħol, jew makkinarju mħaddem mingħajr ma jitmexxa, imma li jista' jkun mġhammar b'tali mod li jkun jista' jitmexxa mingħajr xkiel minn post għall-ieħor;
- (x) "mezzi ta' trasport" tfisser vetturi użati għat-trasport ta' nies jew merkanzija bħalma huma karrozzi, xarabanks, trakkijiet, trammijiet, ferroviji, vapuri u ajruplani;
- (y) "moduli fotovoltajiċi" tfisser biss moduli fotovoltajiċi intiżi biex jintużaw f'sistema mfassla, armata u installata għal użu permanenti f'lokazzjoni speċifika għall-ġenerazzjoni tal-enerġija għal skopijiet pubbliċi, kummerċjali u privati.

Artikolu 4

Id-diżinn tal-prodott

L-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-prodotti inkluża **d-Direttiva 2009/125/KE**, jinkoraġġixxu **koperazzjoni bejn produtturi u min jirriċikla** u miżuri **li jridu jittieħdu sabiex** jippromwovu d-diżinn u l-produzzjoni ta' tagħmir elettriku u elettroniku notevolment fid-dawl li jiffaċilitaw l-użu mill-ġdid, iż-żarmar u l-irkupru tal-WEEE, il-komponenti u l-materjali tagħhom. Dawn il-miżuri għandhom jirrispettaw il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex produtturi ma jipprevenux, permezz ta' karatteristiċi speċifiċi ta' diżinn jew proċessi ta' manifattura, l-użu mill-ġdid tal-WEEE, għajr jekk karatteristiċi speċifiċi ta' diżinn jew proċessi ta' manifattura ta' dan it-tip jippreżentaw vantaġġi importanti, pereżempju, fir-rigward tar-rekwiżiti tal-protezzjoni tal-ambjent u/jew ta' sikurezza. **Rekwiżiti għall-ekodiżinn li jiffaċilitaw l-użu mill-ġdid, iż-żarmar u l-irkupru tal-WEEE u li jnaqqsu emissjonijiet ta' sustanzi perikolużi għandhom jiġu stabbiliti mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014 fil-qafas tal-miżuri ta' implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/125/KE.**

Artikolu 5

Ġbir separat

1. ■ Biex jinkiseb livell għoli ta' ġbir separat tal-WEEE **u trattament korrett għat-tipi kollha ta' WEEE**, notevolment, **it-tagħmir** ta' tkessiħ u ffriżar li fih sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu u gassijiet serra fluworinati, **bozoz li għandhom il-merkurju, u tagħmir żgħir, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-WEEE kollu jinġabar separatament u ma jitħallatx ma'skart goff jew skart ta' djar mhux separat, u li WEEE mhux ittrattat ma jintbġhatx f'landfill jew għall-inċinerazzjoni.**

2. Għall-WEEE minn djar privati, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

- (a) jitwaqqfu sistemi li jippermettu lis-sidien finali u d-distributuri li jirritornaw skart ta' dan it-tip għall-inqas mingħajr ħlas. L-Istati Membri għandhom jiżguraw id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-faċilitajiet meħtieġa għall-ġbir, filwaqt li jqisu b'mod partikolari d-densità tal-popolazzjoni;

Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011

- (b) meta jipprovdu prodott ġdid, id-distributori għandhom ikunu responsabbli li jiżguraw li skart ta' dan it-tip jista' jiġi rritornat lid-distributur għall-inqas mingħajr ħlas fuq bażi ta' wieħed għal wieħed sakemm it-tagħmir ikun ta' tip ekwivalenti u jkollu l-istess funzjonijiet tat-tagħmir ipprovdut. L-Istati Membru jistgħu joħorġu minn din id-dispożizzjoni sakemm jiżguraw li r-ritorn tal-WEEE ma jsirx permezz ta' dan aktar diffiċli għas-sid u sakemm dawn is-sistemi jibqgħu mingħajr ħlas għas-sid finali. L-Istati Membri li jagħmlu użu minn din id-dispożizzjoni għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan;
- (c) mingħajr preġudizzju għall-punti (a) u (b), il-produtturi għandhom il-permess iwaqqfu u joperaw sistemi ta' teħid lura individwali u/jew kollettivi għall-WEEE minn djar privati sakemm dawn ikunu skont l-għanijiet ta' din id-Direttiva;
- (d) b'kunsiderazzjoni għall-istandards nazzjonali u tal-Unjoni ta' saħħa u sikurezza, il-WEEE li jippreżenta riskju għas-saħħa u s- sikurezza tal-persunal minħabba l-kontaminazzjoni jista' jiġi rrifjutat għar-ritorn skont il-punti (a) u (b). L-Istati Membri għandhom jagħmlu arranġamenti speċifiċi għal dan it-tip ta' WEEE.

L-Istati Membri jistgħu jistipulaw arranġamenti speċifiċi għar-ritorn tal-WEEE skont (a) u (b) jekk it-tagħmir ma jinkludix il-komponenti essenzjali jew jekk it-tagħmir jinkludi skart ieħor għajr WEEE.

3. Fil-każ ta' WEEE ieħor għajr WEEE minn djar privati, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li produtturi jew partijiet terzi li jaġixxu fisimhom jipprovdu għall-ġbir ta' skart ta' dan it-tip.

Artikolu 6

Ir-rimi u t-trasport tal-WEEE miġbur

1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu r-rimi tal-WEEE miġbur b'mod separat li mhuwiex ittrattat **u jimmoniterjaw l-infurzar ta' dik il-projbizzjoni.**
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ġbir u t-trasport tal-WEEE miġbur b'mod separat jitwettagħ b'tali mod li jtejjeb bl-aħjar mod possibbli l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ u r-restrizzjoni ta' sustanzi perikolużi. **Sabiex jimmassimizzaw l-użu mill-ġdid ta' tagħmir sħiħ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-iskemi ta' ġbir jinkludu s-separazzjoni ta' tagħmir għall-użu mill-ġdid ta' WEEE miġbur separatament fil-postijiet ta' ġbir, qabel kwalunkwe trasportazzjoni.**

Artikolu 7

Miri ta' ġbir

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(1), kull Stat Membru għandu jiżgura li **mill-2016, jinġabar minimu ta' 85 % tal-WEEE ġġenerat fit-territorju tiegħu.**

Kull Stat Membru għandu jiżgura li mill-2012 jinġabar tal-anqas 4 kg/capita tal-WEEE jew l-istess piż ta' ammont ta' WEEE li jkun inġabar f'dak l-Istat Membru fl-2010, ikun liema jkun akbar minn dawn it-tnejn.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kwantità tal-WEEE miġbura tiżdied b'mod gradwali mill-2012 sal-2016.

L-Istati Membri jistgħu jstabbilixxu miri għall-ġbir individwali aktar ambizzjużi, u f'tali każ għandhom jirrappurtaw dan lill-Kummissjoni.

Il-miri ta' ġbir għandhom jintlaħqu kull sena.

Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw il-pjanijiet ta' titjib tagħhom lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn ... ().*

2. *Biex jistabbilixxu li ntlaħqet ir-rata minima ta' ġbir, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-atturi rilevanti jikkomunikaw, mingħajr spiża għall-Istati Membri, skont l-Artikolu 16 u fuq bażi annwali, l-informazzjoni dwar il-WEEE li:*

(a) *ġie ippreparat għall-użu mill-ġdid jew mibgħut f'faċilitajiet ta' trattament minn kwalunkwe attur,*

(b) *ittieħed fil-faċilitajiet ta' ġbir skont l-Artikolu 5(2)(a),*

(c) *ittieħed għand distributuri skont l-Artikolu 5(2)(b),*

(d) *inġabar b'mod separat mill-produtturi jew minn partijiet terzi li jaġixxu f'isimhom, jew*

(e) *inġabar b'mod separat b'xi mezzi oħrajn;*

3. *Jista' jiġi stipulat arranġament tranżizzjonali rigward il-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2015, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 18a u suġġett għall-kundizzjonijiet tal-Artikoli 18b u 18c, sabiex jiġu indirizzati diffikultajiet li l-Istati Membri jiffaċċjaw biex jilħqu l-miri stabbiliti fil-paragrafu 1 minħabba ċirkustanzi nazzjonali speċifiċi;*

4. *Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012 il-Kummissjoni għandha tadotta permezz ta' atti ta' delega skont l-Artikolu 18a u suġġett għall-kundizzjonijiet tal-Artikoli 18b u 18c, metodoloġija komuni sabiex jiġi determinat l-ammont abbażi ta' piż ta' WEEE iġġenerat f'kull Stat Membru. Din il-metodoloġija għandha tinkludi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni u l-metodi ta' kalkolu għall-verifika ta' konformità mal-miri stipulati fil-paragrafu 1.*

I

5. *Abbażi ta' rapport mill-Kummissjoni akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposta, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012, jerġgħu jeżaminaw ir-rata ta' ġbir u d-dati tal-miri msemmija fil-paragrafu 1, inter alia bil-ħsieb li possibilment titwaqqaf mira separata possibbli għat-tagħmir ta' tkessiħ u ffriżar, għall-bozoz, inklużi bozoz bil-filament, u għal tagħmir zġħir.*

Artikolu 8

It-trattament

1. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-WEEE kollu miġbur b'mod separat jiġi ttrattat.*

*Il-Kummissjoni għandha, mhux iktar tard minn ... (**), titlob lill-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni biex jiġu żviluppati u adottati Standards Ewropej għall-ġbir, il-ħżin, it-trasport, it-trattament, ir-riċiklaġġ u t-tiswija tal-WEEE, kif ukoll għall-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid. Dawk l-istandards għandhom jirriflettu l-professjonalità.*

Referenza għall-istandards armonizzati għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-ġbir, il-ħżin, it-trasport, it-trattament, ir-riċiklaġġ u t-tiswija tal-WEEE, kif ukoll il-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid, għandhom jitwettqu abbażi ta' approċċ immirat biex tiġi salvata l-materja prima u li jkollu l-iskop li jirriċikla riżorsi prezzjużi li jkun hemm fil-EEE f'dak li jirrigwarda l-provvista aħjar ta' prodotti utli fl-Unjoni.

(*) 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(**) 6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011

2. It-trattament għajr il-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid għandu, tal-anqas, jinkludi t-tneħħija tal-fluwidi u t-trattament selettiv skont l-Anness III.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li produtturi jew partijiet terzi li jaġixxu fisimhom iwaqqfu sistemi biex jipprovdur għall-irkupru tal-WEEE bl-użu tal-aqwa tekniki disponibbli. Is-sistemi jistgħu jitwaqqfu minn produtturi individwalment jew kollettivament. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe stabbiliment jew impriża li jwettaq/twettaq operazzjonijiet ta' ġbir jew trattament jaħżen/taħżen il-WEEE skont ir-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fl-Anness IV.

4. **▮** Sabiex **tintroduċi** teknoloġiji oħra ta' trattament li jiżguraw mill-inqas l-istess livell ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, **il-Kummissjoni, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 19 u skont il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 20 u 21, għandha tadotta emendi għall-Anness III.** Il-Kummissjoni għandha tevalwa bħala prijorità jekk l-entrati rigward bords stampati ta' ċirkwiti għall-mowbajls u skrins tal-kristalli likwidi jeħtieġux li jiġu emendati. **Il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk l-emendi għall-Anness III humiex meħtieġa biex jiġu trattati n-nanomaterjali rilevanti.**

5. Għall-għanijiet ta' protezzjoni ambjentali, l-Istati Membri jistgħu jwaqqfu standards minimi ta' kwalità għat-trattament tal-WEEE miġbur.

L-Istati Membri li jagħżlu standards ta' kwalità ta' dan it-tip għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar dawn l-istandards, u l-Kummissjoni għandha tippubblikahom.

6. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu stabbilimenti jew impriżi li jwettqu operazzjonijiet ta' trattament biex jintroduċu sistemi ċertifikati ta' ġestjoni ambjentali kont ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja minn organizzazzjonijiet fl-iskema Komunitarja tal-ekoġestjoni u l-verifika (EMAS) ⁽¹⁾.

Artikolu 9

Permessi u spezzjonijiet

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe stabbiliment jew impriża li jwettaq/twettaq operazzjonijiet ta' trattament jikseb/tikseb permess mill-awtoritajiet kompetenti, f'konformità mal-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart.

2. Id-deroga mir-rekwiżit tal-permess imsemmija fl-Artikolu 24(b) tad-Direttiva 2008/98/KE tista' tapplika għal operazzjonijiet ta' rkupru li jikkonċernaw il-WEEE jekk spezzjoni tkun twettqet mill-awtoritajiet kompetenti qabel ir-reġistrazzjoni sabiex tiżgura konformità mal-Artikolu 13 ta' dik id-Direttiva.

L-ispezzjoni għandha tivverifika dan li ġej:

- (a) it-tip u l-kwantità ta' skart li għandu jiġi ttrattat;
- (b) ir-rekwiżiti tekniċi ġenerali li għandhom jintlaħqu;
- (c) il-prekawzjonijiet ta' sikurezza li għandhom jittieħdu.

L-ispezzjoni għandha titwettaq mill-inqas darba fis-sena u r-riżultati għandhom jiġu kkomunikati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-permess jew ir-reġistrazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 jinkludu l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 8(2), 8(3) u 8(5) u għall-ksib tal-miri ta' rkupru stabbiliti fl-Artikolu 11.

⁽¹⁾ ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1.

Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011

Artikolu 10

Ġarr tal-WEE

1. L-operazzjoni ta' trattament tista' ssir ukoll barra mill-Istat Membru rispettiv jew mill-Unjoni sakemm il-ġarr tal-WEEE ikun f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart [il-ġarr tal-iskart fuq il-baħar] ⁽¹⁾.

2. Il-WEEE esportat barra mill-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006, u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1418/2007 tad-29 ta' Novembru 2007 li jikkonċerna l-esportazzjoni tal-irkupru ta' ċerti tipi ta' skart innizzla fl-Anness III jew IIIA tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill lejn pajjiżi fejn id-Deċiżjoni tal-OECD dwar il-kontroll ta' movimenti transkonfinali tal-iskart ma tapplikax ⁽²⁾ għandu jgħodd lejn it-tweġiq ta' obbligi u miri stabbiliti fl-Artikolu 11 ta' din id-Direttiva biss jekk l-esportatur ikun jista' jagħti prova **billi jipprovi provi konklużivi qabel il-ġarr li l-irkupru, il-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ikunu se jsiru** skont kundizzjonijiet li jkunu ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. **Wara li jkun sar l-irkupru, il-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ, l-osservazzjoni ta' dawk il-kundizzjonijiet ekwivalenti għandha tkun ikkonfermata.**

3. **L-Istati Membri m'għandhomx jippermettu t-tagħbija ta' ebda EEE maħsub għall-użu mill-ġdid sakemm ma jkunx ġie ċertifikat minn persuna jew entità korporattiva identifikata kompetenti, li jkun jiffunzjona kompletament u jkollu tikketta li turi dan.**

4. **Sabiex tippermetti operazzjonijiet ta' trattament barra l-Unjoni f'livell ekwivalenti ta' protezzjoni, il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard minn ... (*), tadotta, permezz ta' atti ta' delega skont l-Artikolu 18a u suġġetti għall-kundizzjonijiet tal-Artikoli 18b and 18c, regoli dettaljati fir-rigward tal-paragrafi 1 u 2, b'mod partikolari l-kriterji għall-valutazzjoni ta' kundizzjonijiet ekwivalenti.**

█

Artikolu 11

Il-miri tal-irkupru

1. Fir-rigward tal-WEEE kollu miġbur separatament u mibgħut għat-trattament skont l-Artikoli 8, 9 u 10 jew għall-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sal-31 ta' Diċembru 2011 il-produtturi jilhq u l-miri minimi li ġejjin:

(a) għall-WEEE li jaqgħu taħt **il-kategoriji 1 u 4 fl-Anness IA,**

— 85 % għandhom jiġu rkuprati, █

— 75 % għandhom jiġu **riċklati, u,**

— 5 % għandhom jiġu **ppreparati għall-użu mill-ġdid;**

(b) għall-WEEE li jaqgħu taħt **il-kategorija 2 tal-Anness IA,**

— 80 % għandhom jiġu rkuprati, █

⁽¹⁾ ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 316, 4.12.2007, p. 6.

(*) **18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.**

- 65 % għandhom jiġu *riċklati, u,*
 - 5 % għandhom jiġu *ppreparati għall-użu mill-ġdid;*
- (c) *għall-WEEE li jaqa' taħt il-kategorija 3 tal-Anness IA,*
- 75 % għandu jiġi *rkuprat u,*
 - 50 % għandu jiġi *riċklati,*
- (d) *għall-WEEE li jaqa' taħt il-kategorija 5 tal-Anness IA,*
- 75 % għandhom jiġu *rkuprati, ■*
 - 50 % għandhom jiġu *rriċiklati u*
 - 5 % għandhom jiġu *ppreparati għall-użu mill-ġdid;*
- (e) *għall-WEEE li jaqa' taħt il-kategorija 6 tal-Anness IA,*
- 85 % għandhom jiġu *rkuprati,*
 - 75 % għandhom jiġu *riċklati, u,*
 - 5 % għandhom jiġu *ppreparati għall-użu mill-ġdid;*
- (f) *għal bozoz li jiskargaw bil-gass, 80 % għandhom jiġu rriċiklati.*

2. Dawn il-miri jiġu kkalkulati bħala perċentwali tal-piż ta' skart tal-WEEE miġbur separatament li jintbagħat fil-faċilitajiet ta' rkupru *u huwa użat mill-ġdid, riċiklat jew irkuprat b'mod effettiv. L-operazzjonijiet ta' ħażna, għażla u ta' qabel l-ipproċessar fil-faċilitajiet ta' rkupru m'għandhomx jiġu inklużi fil-kalkolu dwar jekk dawn il-miri ntlaħqux.*

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sabiex jiġu kkalkulati dawn il-miri, il-produtturi jew il-partijiet terzi li jaġixxu f'isimhom għandhom iżommu reġistri dwar il-piż ta' *EEE użat*, tal-WEEE, il-komponenti, il-materjali jew is-sustanzi tagħhom meta jidħlu (input) u joħorġu (output) mill-faċilità tat-trattament u/jew meta jidħlu (input) *u joħorġu (output bħala perċentwal globali)* fil-faċilità ta' rkupru jew riċiklaġġ.

4. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda ta' rkupru, riċiklaġġ u trattament.

Artikolu 12

Finanzjament tal-WEEE minn djar privati

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi jipprovdu għall-inqas l-finanzjament tal-ġbir, it-trattament, l-irkupru u r-rimi li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent tal-WEEE minn djar privati ddepożitati f'faċilitajiet ta' ġbir mwaqqfa skont l-Artikolu 5(2). *Barra minn hekk*, l-Istati Membri għandhom, fejn xieraq *jiżguraw li, sabiex tiġi mtejba l-ġabra tal-WEEE, jinġabru biżżejjed riżorsi finanzjarji skont il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" (fejn dak li jniġġes huwa l-bejjiiegħ bl-immnut, il-konsumaturi u l-produtturi, iżda mhux minn min iħallas it-taxxa in ġenerali) fil-mument tal-bejgħ ta' EEE ġdid biex ikopru l-ispejjeż*

Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011

tal-ġbir tal-WEEE mid-djar, inkluż l-ispiża tat-tħaddim tal-faċilitajiet ta' ġbir u kampanja assoċjata ta' tqajjim tal-kuxjenza ddedikata għall-ġestjoni tal-WEEE. Dawn ir-riżorsi finanzjarji għandhom ikunu disponibbli biss għal atturi li huma obbligati legalment li jiġbru l-WEEE.

Fejn tali spejjeż tal-operaturi huma koperti mir-riżorsi finanzjarji li jinġabru skont l-ewwel subparagrafu, daww l-operaturi, kemm jekk muniċipalitajiet jew punti ta' ġbir privati għandhom jagħtu l-WEEE kollu miġbur lill-iskemi ta' responsabilità tal-produttur.

Il-finanzjament tal-ġbir tal-WEEE mid-djar biex jintbagħtu għall-faċilitajiet ta' ġbir m'għandux jaqa' taħt ir-responsabilità individwali tal-produttur għall-iffinanzjar kif stipulat fil-paragrafu 2.

Ir-regoli addizzjonali dwar il-metodi ta' kalkolu li jirrigwardaw l-ispejjeż tal-ġbir u tal-faċilitajiet tal-ġbir jistgħu jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. Għal prodotti li jitqiegħdu fis-suq aktar tard mit-13 ta' Awissu 2005, kull produttur għandu jkun responsabbli għall-finanzjament tal-operati msemmija fil-paragrafu 1, li għandhom x'jaqsmu mal-iskart mill-prodotti tal-produttur stess. Il-produttur jista' jagħżel li jissodisfa dan l-obbligu jew individwalment jew billi jinġhaqad ma' skema kollettiva. ***Produttur jista' jissodisfa l-obbligu tiegħu permezz ta' metodu wieħed jew taħlita ta' dawn il-metodi. Skemi kollettivi għandhom jintroduċu miżati differenzjati għall-produtturi abbażi ta' kemm ikun faċli r-riċiklaġġ tal-prodotti u l-materja prima strateġika li jkun fihom.***

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull produttur jipprovi garanzija meta jqiegħed prodott fis-suq li tkun turi li l-ġestjoni tal-WEEE kollu se tiġi ffinanzjata u li l-produtturi jimmarkaw il-prodotti tagħhom b'mod ċar skont l-Artikolu 15(2). Din il-garanzija għandha tiżgura li l-operazzjonijiet msemmija fil-paragrafu 1 li għandhom x'jaqsmu ma' dan il-prodott se jiġu ffinanzjati. Il-garanzija tista' tieħu l-forma ta' parteċipazzjoni mill-produttur fi skemi xierqa għall-finanzjament tal-ġestjoni tal-WEEE, assikurazzjoni ta' riċiklaġġ jew kont tal-bank ibblokkat. ***Il-garanzija finanzjarja rigward it-tmiem il-ħajja tal-prodotti għandha tiġi kkalkulata sabiex tiżgura l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż reali ta' tmiem il-ħajja ta' prodott tal-produttur, billi jiġu kkunsidrati l-istandards tat-trattament u r-riċiklaġġ kif imsemmija fl-Artikolu 8.***

3. ***Sabiex ikun possibbli approċċ armonizzat għal konformità mar-rekwiżiti tal-garanzija finanzjarja kif stabbilit fil-paragrafu 2 il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard minn ... (*), permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 19 u soġġett għall-kundizzjonijiet tal-Artikoli 20 u 21, tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi u l-metodoloġija biex tikkalkula l-livell ta' daww il-garanziji, u tistabbilixxi linji gwida għall-kontroll u l-verifika tagħhom.***

Daww ir-rekwiżiti minimi għandhom tal-inqas jiżguraw li:

- (a) il-garanzija toħloq internalizzazzjoni tal-ispejjeż reali ta' tmiem il-ħajja ta' prodott tal-produtturi, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-istandards tat-trattament u r-riċiklaġġ,***
- b) l-ispejjeż li jirrigwardaw obbligu ta' produttur ma jaqgħux fuq atturi oħrajn, u***
- c) il-garanzija tkun preżenti fil-futur u tkun tista' tintuża biex issolvi l-obbligu pendenti ta' produttur dwar ir-riċiklaġġ f'każ ta' falliment ta' dan ta' l-aħħar.***

4. Ir-responsabbiltà għall-finanzjament tal-ispejjeż tal-ġestjoni tal-WEEE minn prodotti mqiegħda fis-suq qabel it-13 ta' Awissu 2005 ("skart storiku") għandha tiġi pprovduta minn sistema waħda jew aktar li l-produtturi kollha, li jkunu jeżistu fis-suq meta jseħħu l-ispejjeż rispettivi, jikkontribbwxu għaliha/għalihom b'mod proporzjonali, pereżempju bi proporzjon mis-sehem rispettiv tagħhom fis-suq skont it-tip ta' tagħmir.

(*) 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li produtturi jew partijiet terzi li jkunu qed jaġixxu f'isimhom jirrapportaw lilhom dwar il-finanzjament u l-ispejjeż tas-sistemi għall-ġbir, trattament u rimi u l-effiċjenza ta' dawk is-sistemi fuq bażi annwali.

Artikolu 13

Finanzjament tal-WEEE minn utenti għajr djar privati

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-finanzjament tal-ispejjeż għall-ġbir, it-trattament, l-irkupru u rimi li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent tal-WEEE minn utenti għajr djar privati ta' prodotti mqiegħda fis-suq wara t-13 ta' Awwissu 2005 għandu jkun ipprovdut mill-produtturi.

Għal skart storiku li qed jinbidel bi prodotti ġodda ekwivalenti jew bi prodotti ġodda bl-istess funzjoni, il-finanzjament tal-ispejjeż għandu jkun ipprovdut mill-produtturi ta' dawk il-prodotti meta jfornuom. L-Istati Membri jistgħu, alternattivament, jistipulaw li utenti għajr djar privati jkunu wkoll responsabbli, parzjalment jew totalment, għal dan il-finanzjament.

Għal skart storiku ieħor, il-finanzjament tal-ispejjeż għandu jkun ipprovdut mil l-utenti għajr djar privati.

2. Produtturi u utenti għajr djar privati jistgħu, mingħajr preġudizzju għal din id-Direttiva, jikkonkludu ftehimiet li jstipulaw metodi oħra ta' finanzjament.

Artikolu 14

Skemi ta' ġbir u taġrif għall-utenti

I

1. **Sabiex jikber l-għarfien tal-utent, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-distributuri jdaħħlu fis-seħħ skemi xierqa ta' ġbir għal volumi żgħar ta' WEEE. Tali skemi ta' ġbir:**

- (a) għandhom jippermettu lill-utenti finali jarmu volum verament żgħir ta' WEEE f'punt ta' ġbir aċċessibbli u viżibbli fil-ħanut tal-bejjiġġ bl-immnut;
- (b) għandhom jeħtieġu lill-bejjiġġa bl-immnut biex jieħdu lura l-iskart tal-WEEE li jkollu volum verament żgħir mingħajr ebda ħlas meta jipprovdut EEE li jkollu volum verament żgħir;
- (c) m'għandhom jinvolvu ebda ħlas mill-utenti finali meta jkunu qed jarmu volum verament żgħir ta' WEEE, u anqas obbligu li jinxtara prodott ġdid tal-istess tip;

L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-punti (b) u (c) japplikaw għall-bejjiġġa mill-bogħod, jiġifieri persuni naturali jew ġuridiċi li, permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod f'konformità mad-Direttiva 97/7/KE, jagħmlu, jew jagħmlu disponibbli, l-EEE fis-suq. L-iskema tal-ġbir implimentata mill-bejjiġġ mill-bogħod għandha tippermetti l-utenti aħħara li jirritornaw volum żgħir ħafna WEEE mingħajr ma l-utenti jkollhom jeħlu spejjeż żejda, inkluża l-kunsinna jew l-ispejjeż tal-posta.

Mhux aktar tard minn ... (*) il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti delegati skont l-Artikoli 18a u suġġetti għall-Artikoli 18b and 18c, definizzjoni ta' "volumi verament żgħar ta' WEEE" li tqis ir-riskju li skart bħal dan ma jinġabarx b'mod separat minħabba d-daqs żgħir ħafna tiegħu.

(*) Daħħal data ta' 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011

L-obbligu f'dan il-paragrafu m'għandux japplika għal mikrointrapriżi li joperaw fuq superfiċi ta' daqs żgħir ħafna. Sa mhux aktar tard minn [... ()] il-Kummissjoni għandha tadotta permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 18a u soġġett għall-kondizzjonijiet tal-Artikoli 18b u 18c, għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, definizzjoni ta' mikrointrapriżi li joperaw fuq superfiċi ta' daqs żgħir ħafna.*

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li utenti ta' tagħmir elettriku u elettroniku fi djar privati jingħataw it-tagħrif meħtieġ dwar:

- (a) ir-rekwiżit li l-WEEE ma jintremiex bħala skart municijali mhux isseparat u biex WEEE ta' dan it-tip jinġabar separatament;
- (b) is-sistemi ta' ritorn u għbir disponibbli għalihom, **li jħeġġu l-koordinazzjoni ta' informazzjoni li sservi biex tidentifika l-punti ta' għbir kollha disponibbli, irrispettivament mill-produtturi li jkunu stabbi-lewhom;**
- (c) ir-rwol tagħhom li jikkontribwixxu għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u tipi oħra ta' rkupru tal-WEEE;
- (d) l-effetti potenzjali fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem li jirriżultaw bil-preżenza ta' sustanzi perikolużi f'EEE;
- (e) it-tifsira tas-simbolu muri fl-Anness V.

3. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri xierqa sabiex tiġi promossa l-parteċipazzjoni ta' konsumaturi fil-għbir tal-WEEE u jinkoraġġuhom sabiex jiffaċilitaw il-proċess ta' użu mill-ġdid, trattament u rkupru.

4. Bil-għan li jiġi minimizzat ir-rimi tal-WEEE bħala skart municijali mhux isseparat u biex jiġi ffaċilitat il-għbir separat tiegħu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi jimmarkaw b'mod xieraq – skont l-istandard Ewropew EN 50419 (1) – EEE li jitqiegħed fis-suq bis-simbolu muri fl-Anness IV. F'każijiet eċċezzjonali, fejn dan ikun meħtieġ minħabba d-daqs jew il-funzjoni tal-prodott, is-simbolu għandu jiġi stampat fuq l-imballaġġ, fuq l-istruzzjonijiet għall-użu u fuq il-garanzija ta' EEE.

5. L-Istati Membri jistgħu jesigū li xi tagħrif jew it-tagħrif kollu msemmi fil-paragrafi 2 sa 4 jiġi pprovdut mill-produtturi u/jew id-distributuri, eż. fl-istruzzjonijiet għall-użu jew fil-punt tal-bejgħ, **jew permezz ta' kampanji pubbliċi tat-taqjijim tal-kuxjenza.**

Artikolu 15

Tagħrif għall-faċilitajiet ta' trattament

1. Sabiex **jiġi ffaċilitat l-użu** u t-trattament korrett u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent tal-WEEE, inklużi l-manutenzjoni, it-titjib, **l-użu mill-ġdid, il-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid**, arranġament mill-ġdid u r-riċiklaġġ, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-produtturi jipprovdu tagħrif **bla ħlas** dwar użu mill-ġdid u trattament għal kull tip ġdid ta' EEE li jitqiegħed fis-suq fi żmien sena wara li t-tagħmir jitqiegħed fis-suq. Dan it-tagħrif għandu jidentifika, safejn ikun meħtieġ minn ċentri ta' użu mill-ġdid, faċilitajiet ta' trattament u riċiklaġġ sabiex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, il-komponenti u l-materjali tal-EEE differenti, kif ukoll il-lok ta' sustanzi perikolużi u preparazzjonijiet fl-EEE. Għandu jsir disponibbli għaċ-ċentri ta' użu mill-ġdid, faċilitajiet ta' trattament u riċiklaġġ minn produtturi tal-EEE bħala manwali jew permezz ta' midja elektronika (bħal CD-ROM jew servizzi online).

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull produttur ta' xi EEE li jitqiegħed fis-suq huwa identifikabbli b'mod ċar permezz ta' marka fuq it-tagħmir. Barra minn hekk, sabiex id-data li fiha t-tagħmir ikun tqiegħed fis-suq tkun tista' tiġi stabbilita mingħajr l-ebda dubju, marka fuq it-tagħmir għandha tispeċifika li dan tal-aħħar tqiegħed fis-suq wara t-13 ta' Awissu 2005. L-Istandard Ewropew EN 50419 għandu jiġi applikat għal dan il-għan.

(1) Adottat mis-CENELEC f'Marzu 2006.

Artikolu 16

Reġistrazzjoni, tagħrif u rappurtar

1. L-Istati Membri għandhom iħejju reġistru ta' produtturi, inklużi l-produtturi li jipprovdu EEE permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod skont il-paragrafu 2.

Dak ir-reġistru għandu jservi għall-monitoraġġ tal-konformità mal-obbligi finanzjarji skont l-Artikoli 12 u 13.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe produttur fit-territorju tagħhom jista' jdaħħal **taħt forma elettronika** kull tagħrif rilevanti fir-reġistri nazzjonali tagħhom, inklużi r-rekwiżiti ta' rappurtar u l-imposti, li jirriflettaw l-attivitajiet tiegħu madwar l-Istati Membri l-oħra kollha.

Ir-reġistri għandhom ikunu interoperazzjonali sabiex ikun jista' jseħħ l-iskambju ta' dan it-tip ta' tagħrif, inkluż tagħrif dwar il-kwantità ta' EEE mqiegħed fis-suq nazzjonali **kif ukoll informazzjoni li tippermetti trasferiment** ta' flus relatat ma' trasferimenti ġewwa l-Unjoni ta' prodotti jew WEEE.

3. **Kull Stat Membru għandu jiżgura li produttur li jqiegħed tagħmir elettriku jew elettroniku fis-suq tiegħu iżda li ma jkunx residenti fit-territorju tiegħu jkun jista' jaħtar rappreżentant legali lokali residenti f'dak l-Istat Membru sabiex ikun responsabbli għall-obbligi tiegħu skont din id-Direttiva.**

4. **Sabiex tiżgura funzjonament bla xkiel tas-sistema tar-reġistrazzjoni, tal-informazzjoni u ta' rappurtaġġ, il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' delega f'konformità mal-Artikolu 19, u f'konformità mal-Artikoli 20 u 21, il-miżuri li jstabbilixxu l-format għar-reġistrazzjoni u r-rappurtar u l-frekwenza tar-rappurtar. Il-format tar-reġistrazzjoni u r-rappurtar għandu jinkludi mill-inqas dan it-tagħrif:**

(a) *il-kwantità ta' EEE li jitqiegħed fis-suq nazzjonali;*

(b) *it-tip ta' tagħmir;*

(c) *il-marki;*

(d) *il-kategoriji;*

(e) *fejn applikabbli il-garanzija.*

5. Għandu jkun possibbli li r-reġistru jista' jiġi mħaddem permezz ta' skemi kollettivi tar-responsabbiltà tal-produttur imwaqqfa skont l-Artikolu 12(2).

6. L-Istati Membri għandhom jiġbru tagħrif, inklużi stimi ssostanzjati, fuq bażi annwali dwar il-kwantitajiet u l-kategoriji ta' EEE li jitqiegħed fis-swieq tagħhom, li jinġabar tul ir-rotot kollha, li jintuża mill-ġdid, jiġi rriċiklat u rkuprat fl-Istati Membri, u dwar WEEE miġbur separatament li jiġi esportat, skont il-piż.

7. L-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u dwar t-tagħrif stipulat fil-paragrafu 5 kull tliet snin. Ir-rapport ta' implimentazzjoni għandu jifassal abbażi ta' kwestjonarju kif stipulat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/249/KE tal-11 ta' Marzu 2004 dwar

Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011

kwestjonarju għal rapporti mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar apparat elettriku u elettroniku skartat (WEEE) ⁽¹⁾ u fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/369/KE tat- 3 ta' Mejju 2005 li tistabbilixxi regoli għall-monitoraġġ tal-konformità tal-Istati Membri u li tistabbilixxi formati għad-dejta għall-iskopijiet tad-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku ⁽²⁾ Ir-rapport għandu jkun disponibbli għall-Kummissjoni mhux iktar tard minndisa' xhur wara tmiem il-perjodu ta' tliet snin kopert minnu.

L-ewwel rapport ta' tliet snin għandu jkopri l-perjodu 20xx sa 20xx.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fi żmien disa' xhur wara li jiġu riċevuti r-rapporti mill-Istati Membri.

Artikolu 17**L-identifikazzjoni ta' operaturi ekonomiċi**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistemi sabiex jiżguraw li l-informazzjoni hija miksuba sabiex tippermetti lil awtoritajiet regolatorji, produttori u distributori jidentifikaw:

- (a) kwalunkwe operatur ekonomiku li fornihom b'EEE;
- b) kwalunkwe operatur ekonomiku li huma fornnew EEE.

Artikolu 18

Adattament għall-progress xjentifiku u tekniku

▮ Sabiex jiġu adottati l-Artikolu 16(7) u l-Annessi għal progress xjentifiku u tekniku, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' delega f'konformità mal-Artikolu 19, u soġġett għal kondizzjonijiet tal-Artikoli 20 u 21.

Qabel ma jiġu emendati l-Annessi, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta, fost l-oħrajn, il-produtturi ta' EEE, ir-riċiklaturi, l-operaturi tat-trattament u l-organizzazzjonijiet ambjentali u l-għaqdiet tal-impjegati u l-konsumaturi.

I**Artikolu 19****Eżerċizzju tad-delega**

1. **Il-poter sabiex jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 7, 8, 10, 12, 14, 16, 18 u 23 għandhom jingħataw lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat.**
2. **Malli tadotta att ta' delega, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah b'mod simultanju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.**
3. **Il-poter sabiex jiġu adottati atti ta' delega għandu jingħata lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 20 u 21c.**

Artikolu 20**Revoka tad-delega**

1. **Id-delega tal-poter imsemmija fl-Artikoli 7, 8, 10, 12, 14, 16, 18 u 23 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.**

⁽¹⁾ ĠU L 78, 16.3.2004, p. 56.

⁽²⁾ ĠU L 119, 11.5.2005, p. 13.

2. L-istituzzjoni li bdiet proċedura interna għal deċiżjoni dwar jekk tirrevokax id-delega tal-poter jew le għandha timpenja ruħha sabiex tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, fejn tindika s-setgħa ta' delega li jistgħu jkunu suġġetti għal revoka u r-raġunijiet possibbli għal revoka.

3. Id-deċiżjoni għal revoka għandha ggħib fi tmiem id-delega tal-poteri speċifikati f'din id-deċiżjoni. Hija għandha tibda sseħħ immedjatament jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din m'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ta' delega li diġà huma fis-seħħ. Din għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 21

Oġġezzjoni għal atti ta' delega

1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att ta' delega f'perjodu ta' xahrejn mid-data ta' notifika. Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew il-Kunsill, dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn.

2. Jekk, meta jiskadi l-perjodu msemija fil-paragrafu 1, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att ta' delega, dan għandu jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jidħol fis-seħħ fid-data msemija fih.

L-att delegat jista' jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jidħol fis-seħħ qabel ma jiskadi dak il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu infurmaw lill-Kummissjoni dwar l-intenzjoni tagħhom li ma jqajmux oġġezzjonijiet.

3. Jekk jew il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal att ta' delega fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, dan m'għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tistqarr ir-raġunijiet tal-oġġezzjoni għall-att ta' delega.

Artikolu 22

Il-penali

L-Istati Membri għandhom jistipulaw ir-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali stipulati għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk id-dispożizzjonijiet sa mhux aktar tard mid-data speċifikata fl-Artikolu 24 u għandhom jinnotifikawha minnufih dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li taffetwawhom.

Artikolu 23

Spezzjoni u monitoraġġ

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu spezzjonijiet u monitoraġġ kif xieraq sabiex jivverifikaw l-implimentazzjoni kif suppost ta' din id-Direttiva.

Dawk l-ispezzjonijiet għandhom tal-anqas ikopru l-kwantitajiet irrapurtati ta' tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq, biex jivverifikaw il-livell ta' garanzija finanzjarja skont l-Artikolu 12(2), l-esportazzjonijiet tal-WEEE lil hinn mill-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u l-operazzjonijiet fil-faċilitajiet ta' trattament skont id-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart u l-Anness III ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ġarr ta' tagħmir elettriku u elettroniku użat li jkun suspettat li hu skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku jsir skont ir-rekwiżiti minimi fl-Anness I u jimmonitorjaw dan il-ġarr kif xieraq.

Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011

3. *Sabiex tiżgura l-funzjonament tajjeb ta' spezzjonijiet u monitoraġġ, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' delega f'konformità mal-Artikolu 19, u soġġett għall-kondizzjonijiet tal-Artikoli 20 u 21, regoli addizzjonali dwar spezzjonijiet u monitoraġġ.*

I

4. *L-Istati Membri għandhom joħlqu reġistru nazzjonali ta' faċilitajiet rikonoxxuti ta' ġbir u trattament. Dawk il-faċilitajiet li l-opertauri tagħhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(3) biss jiddaħħlu f'dak ir-reġistru nazzjonali. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kontenut tar-reġistru disponibbli għall-pubbliku.*

5. *Operaturi tal-faċilità għandhom jissottomettu prova annwali tal-osservanza tagħhom ta' din id-Direttiva lill-awtoritajiet kompetenti, u għandhom jissottomettu rapporti lill-awtoritajiet kompetenti b'konformità mal-paragrafi 6 u 7 sabiex iżommu l-istejtus tagħhom ta' faċilitajiet tat-trattament rikonoxxuti.*

6. *L-operaturi ta' faċilitajiet ta' ġbir għandhom jissottomettu rapporti annwalment lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jippermettu lill-awtoritajiet nazzjonali biex iqabblu l-volum ta' WEEE miġbur mal-volum ta' WEEE li fil-fatt ġie trasferit għal faċilitajiet ta' rkupru jew riċiklaġġ. Il-WEEE għandu jkun trasferit esklussivament lejn faċilitajiet rikonoxxuti ta' rkupru u trattament.*

7. *L-operaturi ta' faċilitajiet ta' trattament għandhom annwalment jissottomettu rapporti lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jippermettu lill-awtoritajiet nazzjonali biex iqabblu l-ammont ta' WEEE li ttehed mis-sidien jew minn faċilitajiet ta' ġbir rikonoxxuti mal-ammont ta' WEEE li kien verament irkuprat, riċiklat, jew esportat f'konformità mal-Artikolu 10.*

8. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-WEEE jinġhata esklussivament lil faċilitajiet irreġistrati u rikonoxxuti ta' ġbir, irkupru u/ jew ta' riċiklaġġ.*

Artikolu 24

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membru għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw mal-Artikoli 2, 3, 5, 6, 7, 11, 14, 16, 22, 23 u l-Anness II sa mhux aktar tard minn ... (*). Huma għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva. **L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi mal-Artikolu 12(2) ta' din id-Direttiva sabiex kull produttur jiffinanzja biss l-operazzjonijiet marbuta mal-iskart mill-prodotti tiegħu mqiegħda fis-suq wara t-13 ta' Awwissu 2005, u li jkunu pprovduti l-garanziji finanzjarji xierqa, kif meħtieġa mill-Artikolu 12(2) ta' din id-Direttiva.**

Meta Stati Membri jadottaw tali miżuri, għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni li r-referenzi fil-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għad-direttivi mħassra b'din id-Direttiva għandhom jiġu interpretati b'halha referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir it-tali referenza u kif għandha tiġi fformulata t-tali dikjarazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil- qasam kopert b'din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri jistgħu jittrasponu d-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 8(6), 14(2) u 15 permezz ta' ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti u s-setturi ekonomiċi konċernati sakemm jinkisbu l-għanijiet stipulati b'din id-Direttiva. Dawn il-ftehimiet għandhom jilhq u r-rekwiżiti li ġejjin:

(*) 18-il xahar wara l-jum tal-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva.

- (a) il-ftehimiet għandhom ikunu infurzabbli;
- (b) il-ftehimiet għandhom jispeċifikaw l-għanijiet mal-iskadenzi korrispondenti;
- (c) il-ftehimiet għandhom jiġu ppubblikati fil-ġurnal uffiċjali nazzjonali jew dokument uffiċjali li huwa aċċessibbli għall-pubbliku bl-istess mod u kkomunikati lill-Kummissjoni;
- (d) ir-riżultati miksuba għandhom jiġu mmonitorjati regolarment, irrappurtati lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Kummissjoni u jsiru disponibbli għall-pubbliku skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-ftehim;
- (e) l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-progress milħuq skont il-ftehim jiġi eżaminat;
- (f) fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-ftehim l-Istati Membri għandhom jimplementaw id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva permezz ta' miżuri leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi.

4. Flimkien mal-eżamijiet mill-ġdid li huma stipulati fl-Artikoli 2 u 7, il-Kummissjoni għandha, sa [... (*)], tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill abbażi tal-esperjenza fir-rigward tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Jekk ikun xieraq, ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat minn proposti għal emendi għal din id-Direttiva.

Artikolu 25

Tħassir

Id-Direttiva 2002/96/KE kif emendata bid-Direttivi elenkati fil-Parti A tal-Anness VI, għandha titħassar b'effett minn ... (**), **minbarra l-Artikolu 5(5) tagħha, li jiġihassar b'effett mill-31 ta' Diċembru 2011**, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi stabbiliti fil-Parti B tal-Anness V. Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VII.

Artikolu 26

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak ta l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 27

Destinatari

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

(*) 5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(**) 18-il xahar u ġurnata wara l-jum tal-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011

ANNEX IA

Kategoriji ta' tagħmir bl-għan li jiġu definiti l-miri ta' rkupru skont l-Artikolu 11

- (1) Tagħmir tat-tkessiħ u radjaturi,
- (2) Skrins u monitors,
- (3) Bozoz,
- (4) Tagħmir kbir, bl-eċċezzjoni ta' tagħmir tat-tkessiħ u radjaturi, skrins u monitors, u bozoz. It-tagħmir kbir huwa definit bħala t-tagħmir kollu li fil-prinċipju mhuwiex mobbli jew li fil-prinċipju hu maħsub biex matul il-perjodu kollu tal-użu tiegħu jibqa' fil-post fejn ikun ser jintuża,
- (5) Tagħmir żgħir, bl-eċċezzjoni ta' tagħmir tat-tkessiħ u radjaturi, skrins u monitors, u bozoz u tagħmit tal-IT u tat-telekomunikazzjoni. It-tagħmir żgħir huwa definit bħala tagħmir li fil-prinċipju jista' jiċċaqlaq u mhuwiex maħsub biex matul il-perjodu kollu tal-użu tiegħu jibqa' fil-post fejn ikun ser jintuża,
- (6) Tagħmir żgħir tal-IT u tat-telekomunikazzjoni.

ANNEX IB

Lista mhix eżawrjenti ta' tagħmir li jaqa' taħt il-kategoriji tal-Anness -IA

1. Tagħmir tat-tkessiħ u radjaturi
 - Refiġerejters
 - Friżers
 - Tagħmir għall-erogazzjoni/bejgħ awtomatiku ta' prodotti kesħin
 - Tagħmir tal-arja kondizzjonata
 - Radjaturi li jaħdmu biż-żejt u tagħmir ieħor għat-trasferiment tas-sħana bl-użu ta' mezzi differenti mill-ilma (bħal pereżempju pompi tas-sħana u tagħmir li jnaqqas l-umdità)
2. Skrins u monitors
 - Skrins
 - Settijiet tat-televiżjoni
 - Frames tar-ritratti diġitali
 - Monitors
3. Bozoz
 - Lampi florexenti dritti
 - Lampi florexenti kompatti
 - Lampi tad-discharge ta' intensità għolja, inklużi lampi tas-sodu bi pressa u lampi alidi tal-metall
 - Lampi tas-sodju bi pressjoni baxxa

— Bozoz LED

4. Tagħmir kbir

- Tagħmir kbir għat-tisjir u għal proċessar ieħor tal-ikel (bħal pereżempju hot plates tal-elettriku, fran, kukers, microwaves, magni tal-kafe installati permanentement)
- Kapep tal-estrazzjoni
- Tagħmir għat-tindif (bħal pereżempju magni għall-ħasil tal-ħwejjeġ, magni li jnixxfu l-ħwejjeġ, magni li jaħslu l-platti)
- Tagħmir li jsaħħan (bħal pereżempju ħiters tal-fann, fireplaces tal-elettriku, ħiters tal-ġebel u tal-irħam, tagħmir għat-tisħin tal-pixxini u tagħmir kbir ieħor li jsaħħan il-kmamar, is-sodod u l-għamara li fuqha wieħed joqgħod bilqiegħda)
- Tagħmir kbir għall-iġjene u l-benessri personali (bħal pereżempju solarji, sawni, siġġijiet li jagħmlu l-massaġġi)
- Tagħmir kbir tal-IT u t-telekomunikazzjoni (bħal pereżempju kompjuters kbar, servers, infrastruttura u tagħmir tan-netwerks fissi, printers, tagħmir li jagħmel il-kopji, settijiet tat-telefown bil-ħlas)
- Tagħmir kbir għal waqt il-mistrieħ u l-isport (bħal pereżempju tagħmir tal-isport b'komponenti tal-elettriku jew elettroniċi, magni tal-logħob li jaħdmu bil-muniti)
- Tagħmir kbir li jdawwal u tagħmir ieħor li jxerred jew jikkontrolla t-tidwil
- Għodda u makkinarju industrijali kbar tal-elettriku u elettroniċi barra għodda fissa u makkinarju mobbli kbar intiżi għall-użu ta' utenti professjonali biss
- Tagħmir kbir għall-iġġenerar jew it-trażmissjoni tal-elettriku (bħal pereżempju ġeneraturi, transformers, tagħmir li jipprovdi fluss kontinwu ta' elettriku (UPS), tagħmir li jibdel kurrenti alternati f'kurrenti diretti jew bil-maqlub)
- Tagħmir mediku kbir
- Strumenti kbar ta' mmonitorjar u ta' kontroll
- Strumenti u tagħmir kbir ta' kejl (bħal pereżempju mwieżen, magni installati f'post fiss)
- Tagħmir kbir li jipprovdi/jbigħ prodotti b'mod awtomatiku u għall-għoti awtomatiku ta' servizzi sempliċi (pereżempju magni tal-bejgħ, ATMs, apparat għall-ġbir ta' kontenituri vojta, photo booths)

5. Tagħmir żgħir

- Tagħmir żgħir użat għat-tisjir u proċessar ieħor tal-ikel (bħal pereżempju magni għax-xiwi tal-ħobż, pjanċi għat-tisħin, skieken, tagħmir li jiġi mgħaddas f'likwidi biex isaħħanhom, magni li jqattgħu l-ikel)
- Tagħmir żgħir għat-tindif (bħal pereżempju vacuum cleaners, ħdejjed tal-moġħdija eċċ.)
- Ventilaturi, air fresheners
- Tagħmir żgħir għat-tisħin (bħal pereżempju kutri tal-elettriku)
- Arloġġi u arloġġi tal-idejn u apparat ieħor għall-indikazzjoni jew il-kejl tal-ħin
- Tagħmir żgħir għall-iġjene u l-benessri personali (bħal pereżempju xfafar għat-tqaxxir tal-leħja, xkupilji tas-snien, apparat li jnixxef ix-xagħar, apparat li jagħmel il-massaġġi)
- Kameras
- Tagħmir elettroniku għall-użu ta' kuljum, speċjalment għal skopijiet ta' divertiment (bħal pereżempju radjijiet, amplifikaturi tal-awdjo, radjijiet tal-karozza, plejers tad-DVDs)
- Strumenti mużikali u tagħmir mużikali (bħal pereżempju amplifikaturi, amplifikaturi li jżidu s-saħħa tal-output, audio mixing consoles, mikrofonni)
- Tagħmir żgħir li jdawwal u tagħmir ieħor li jxerred jew jikkontrolla d-dawl jew jikkontrolla d-dawl

Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011

- Ġugarelli (*bħal pereżempju ferroviji, mudelli tal-ajruplani eċċ.*)
- Tagħmir żgħir tal-isport (*bħal pereżempju kompjuters għar-roti, l-għadis, il-ġiri, il-qdif eċċ.*)
- Tagħmir żgħir għal waqt il-mistrieħ (*bħal pereżempju loġħob tal-vidjo, tagħmir tas-sajd u għal-loġħob tal-golf eċċ.*)
- Tagħmir elettriku u elettroniku inkluża għodda tal-ġnien (*bħal pereżempju trapani, srieraq, pompi, lawn-mowers*)
- Tagħmir żgħir għall-iġġenerar jew it-trażmissjoni tal-elettriku (*bħal pereżempju ġeneraturi, chargers, tagħmir li jipprovdi fluss kontinwu ta' elettriku (UPS), aċċessorji għall-provvista tal-elettriku*)
- Tagħmir mediku żgħir, inkluż tagħmir veterinarju
- Strumenti żgħar ta' mmonitorjar u kontroll (*bħal pereżempju ditekters tad-duħħan, regolaturi tas-šhena, termostati, ditekters taċ-ċaqliq, strumenti u prodotti ta' monitoraġġ, remote controls*)
- Apparat żgħir ta' kejl (*bħal pereżempju mwieżen, apparat tad-displej, apparat li jkejje id-distanzi, termometri*)
- Tagħmir żgħir li jeroga/jbigħ prodotti b'mod awtomatiku

6. Tagħmir żgħir tal-IT u tat-telekomunikazzjoni

- **Kompjuters laptop**
- **Kompjuters notebook**
- **Tagħmir żgħir tal-IT u t-telekomunikazzjoni (bħal pereżempju kompjuters personali, printers, kalkulatori tal-but, telefowns, telefowns ċellulari, routers, apparat tar-radju, monitors tat-trabi, proġetturi tal-vidjo.)**

ANNEX II

Rekwiżiti minimi għall-ġarr ta' EEE użati

1. Sabiex issir distinzjoni bejn l-EEE u l-WEEE, fejn sid ta' oġġett jiddikjara li għandu l-intenzjoni li jgħorr jew li qiegħed iġorr EEE użat iżda li mhux WEEE, l-awtoritajiet tal-Istat Membru għandhom jitolbu dan li ġej sabiex ikollhom prova tad-dikjarazzjoni:
 - a) kopja tal-fattura u tal-kuntratt relatati mal-bejgħ u/jew mat-trasferiment tas-sjieda tal-EEE li jiddikjaraw li t-tagħmir huwa għal użu mill-ġdid dirett u kompletament funzjonali;
 - b) evidenza tal-valutazzjoni jew l-ittestjar f'forma ta' kopja tar-reġistri (ċertifikat tal-ittestjar, prova tal-funzjonalità) fuq kull oġġett fil-konsenja u protokoll li jkun fih it-tagħrif kollu tar-reġistri skont il-punt 2;
 - c) dikjarazzjoni li tkun saret mill-possessor li jorganizza t-trasport ta' EEE li l-ebda materjal jew tagħmir fil-konsenja mhux skart kif iddefinit bl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart, u
 - d) imballaġġ suffiċjenti u t-tqegħid xieraq tat-tagħbija sabiex il-prodotti li qegħdin jinġarru jkunu protetti mill-ħsara waqt it-trasportazzjoni, it-tagħbija u l-ħatt.

Il-punti a) u b) ma japplikawx jekk it-tagħmir elettriku u elettroniku użat jiġi rritornat għand il-produttur bħala kunsinjta ta' tagħmir difettuż għat-tiswija li għadu taħt il-garanzija, bil-għan li jerġa' jintuża.

2. Sabiex jintwera li l-oġġetti li qegħdin jinġarru huma EEE użat u mhux WEEE, l-Istati Membri għandhom jesigū li jitwettqu l-passi li ġejjin għall-ittestjar u ż-żamma ta' reġistri għal EEE użat:

Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011

Stadju 1: Ittestjar

- a) Il-funzjonalità **trid** tiġi ttestjata u s-sustanzi perikolużi **jridu** jiġu vvalutati. It-testijiet li **jridu** jitwettqu jiddependu mit-tip ta' EEE. Għall-parti l-kbira ta' EEE test ta' funzjonalità tal-funzjonijiet ewlenin huwa suffiċjenti.
- b) Ir-riżultati tal-evalwazzjoni u l-ittestjar għandhom jiġu rreġistrati.

Stadju 2: Reġistru

- a) Ir-reġistru għandu jitwahaħhal b'mod sikur iżda mhux permanenti jew fuq l-EEE stess (jekk dan ma jkunx ippakkjat) jew fuq l-imballaġġ sabiex ikun jista' jinqara mingħajr mingħajr ma jinfetħa l-imballaġġ tat-tagħmir.
 - b) Ir-reġistru għandu jinkludi t-tagħrif li ġej:
 - Isem l-oġġett (Isem it-tagħmir skont **I-Anness IB** u l-kategorija skont **I-Anness IA**);
 - In-Numru tal-Identifikazzjoni tal-oġġett (nru tat-tip);
 - Is-Sena tal-Produzzjoni (jekk disponibbli);
 - L-isem u l-indirizz tal-kumpanija responsabbli għall-evidenza tal-funzjonalità;
 - Ir-riżultati tat-testijiet kif deskritti fil-pass 1;
 - It-tip ta' testijiet imwettqa.
3. Minbarra d-dokument mitlub fil-punt 1, kull tagħbija (eż. kontenitur tal-ġarr, trakk) ta' EEE użat għandha tkun akkumpanjata minn:
- a) dokument tas-CMR,
 - b) dikjarazzjoni tal-persuna responsabbli għaliha.
4. Fin-nuqqas tad-dokumentazzjoni xierqa mitluba fil-punt 1 u 3 **jew ta' imballaġġ xieraq jew ta' tqegħid xieraq tat-tagħbija, li huwa r-responsabilità tal-utent ta' tagħmir maħsub għal ġarr biex jipprovi**, l-awtoritajiet tal-Istat Membru għandhom jippreżumu li oġġett huwa WEEE perikoluż u jippreżumu li t-tagħbija hija konsenja illegali. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jiġu mgħarrfa u t-tagħbija tiġi trrattata skont l-Artikoli 24 u 25 tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006. ■

ANNEX III

Trattament selettiv għal materjali u komponenti ta' WEEE msemmi fl-Artikolu 8(2)

1. Bħala minimu, is-sustanzi, il-preparazzjonijiet u l-komponenti li ġejjin għandhom jitneħħew minn kwalunkwe WEEE miġbur separatament:
 - bifenili poliklorinati (PCB) li fihom capacitors skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/59/KE tas-16 ta' Settembru 1996 dwar ir-rimi ta' polychlorinated biphenyls u polychlorinated terphenyls [bifenili poliklorinati u terfenili poliklorinati](PCB/PCT) ⁽¹⁾,
 - komponenti li fihom il-merkurju, bħal swiċċijiet jew bozoz tal-backlighting.

⁽¹⁾ ĠU L 243, 24.9.1996, p. 31.

Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011

- batteriji,
 - bords stampati ġeneralment ta' ċirkwiti għall-mowbajls, u ta' mezzi oħra jekk is-superfiċje tal-bord stampat ta' ċirkwit tkun akbar minn 10 ċentimetri kwadri,
 - toner cartridges, likwidi u pasty, kif ukoll toner tal-kulur,
 - plastik li fih retardanti brominati tan-nirien,
 - skart tal-asbestos u komponenti li fihom l-asbestos,
 - tubi tal-cathode-ray,
 - klorofluworokarbonji (CFC), idroklorofluworokarbonji (HCFC) jew idrofluworokarbonji (HFC), idrokarbonji (HC),
 - bozoz li jiskargaw bil-gass,
 - skrins tal-kristalli likwidi (flimkien mal-casing tagħhom fejn ikun xieraq) ta' superfiċje akbar minn 100 ċentimetru kwadru u dawk back-lighted b'bozoz li jiskargaw bil-gass,
 - kejbils esterni tal-elettriku,
 - komponenti li fihom fibri ta' ċeramika refrattorji kif deskritti fid-Direttiva tal-Kummissjoni 97/69/KE tal-5 ta' Diċembru 1997 li taddatta għall-progess tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi ⁽¹⁾,
 - komponenti li fihom sustanzi radjuattivi bl-eċċezzjoni ta' komponenti li huma taħt il-limiti ta' eżenzjoni stipulati fl-Artikolu 3 ta' u l-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom tat-13 ta' Mejju 1996 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sigurtà [sikurezza] għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti ⁽²⁾,
 - tal-elettroni li fihom sustanzi ta' tħassib (tul > 25 mm, dijametru > 25 mm jew volum proporzjonalment simili).
- Dawn is-sustanzi, il-preparazzjonijiet u l-komponenti għandhom jintremew jew jiġu rkuprati f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE.
2. Il-komponenti li ġejjin tal-WEEE li jinġabar separatament għandhom jiġu ttrattati kif indikat:
 - tubi tal-cathode-ray: Il-kisi fluworexxenti għandu jintneħħa,
 - tagħmir li fih gassijiet li jnaqqsu s-saff tal-ożonu jew għandhom potenzjal ta' tisħin globali (GWP) ogħla minn 15, bħal dawk li jkun hemm fil-fowm u ċ-ċirkwiti ta' refriġerazzjoni: il-gassijiet għandhom jiġu estratti u ttrattati kif suppost. Gassijiet li jnaqqsu s-saff tal-ożonu għandhom jiġu ttrattati skont i r-Regolament (KE) Nru 1005/2009,
 - bozoz li jiskargaw bil-gass: Il-merkurju għandu jintneħħa.
 3. Filwaqt li jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet ambjentali u x-xewqa ta' użu mill-ġdid u riċiklaġġ, il-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu applikati b'tali mod li l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' komponenti jew tagħmir sħiħ li jitwettqu b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent ma jiġux imfixkla.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 13.12.1997, p. 19.

⁽²⁾ ĠU L 159, 29.6.1996, p. 1.

ANNEX IV

Rekwiżiti tekniċi skont l-Artikolu 8(3)

1. Siti għall-ħażna (inkluża l-ħażna temporanja) tal-WEEE qabel it-ttrattament tiegħu (mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma⁽¹⁾):
 - superfiċji impermeabbli għal żoni xierqa bil-provvediment ta' faċilitajiet ta' ġbir ta' tixrid u, fejn xieraq, reċipjenti tal-ħġieġ u oġġetti li jnaddfu u jneħħu ż-żejt,
 - għata kontra l-elementi tat-temp għal żoni xierqa.
2. Siti għat-ttrattament tal-WEEE:
 - imwieżen biex jitkejjel il-piż tal-iskart trattat,
 - superfiċji impermeabbli u għatat kontra l-elementi tat-temp għal żoni xierqa bil-provvediment ta' faċilitajiet ta' ġbir ta' tixrid u fejn xieraq, reċipjenti tal-ħġieġ u oġġetti li jnaddfu u jneħħu ż-żejt,
 - ħżin xieraq għal spare parts żarmati,
 - kontenituri xierqa għall-ħażna ta' batteriji, PCBs/PCTs li jkun fihom capacitors u skart perikoluż ieħor bħal skart radjuattiv,
 - tagħmir għat-ttrattament tal-ilma f'konformità mar-regolamenti tas-saħħa u tal-ambjenta.

⁽¹⁾ ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1.

ANNEX V

Simbolu għall-immarkar ta' EEEI

s-simbolu li jindika ġbir separat għal EEE jikkonsisti minn landa taż-żibel fuq ir-roti maqtugħa b'salib, bħal ma huwa muri hawn taħt. Is-simbolu għandu jiġi stampat b'mod viżibbli, leġġibbli u li ma jitħassarx.



Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011

ANNEX VI

Il-Parti A

Direttiva mħassra bl-emendi suċċessivi tagħha

(imsemmija fl-Artikolu 25)

Id-Direttiva 2002/96/KE	(ĠU L 37, 13.2.2003, p. 24)
Id-Direttiva 2003/108/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	(ĠU L 345, 31.12.2003, p. 106)
Id-Direttiva 2008/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	(ĠU L 81, 20.3.2008, p. 65)

Il-Parti B

Lista tal-limiti taż-żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali

(imsemmija fl-Artikolu 25)

Id-Direttiva.	Id-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni
2002/96/KE	13 ta' Awwissu 2004
2003/108/KE	13 ta' Awwissu 2004
2008/34/KE	—

L-ANNEX VII

Tabella ta' korrelazzjoni (*)

Id-Direttiva 2002/96/KE	Din id-Direttiva
L-Artikolu 1	—
—	L-Artikolu 1
L-Artikolu 2(1)	L-Artikolu 2(1)
L-Artikolu 2(2)	L-Artikolu 2(2)
—	L-Artikolu 2(3), daħla
L-Artikolu 2(3)	L-Artikolu 2(3)(a)
Parti mill-Artikolu 2(1)	L-Artikolu 2(3)(b)
—	L-Artikolu 2(3)(c)
L-Anness IB, il-punt 5	L-Artikolu 2(3)(d)
L-Anness IB, il-punt 8	L-Artikolu 2(3)(e)
—	Artikolu 2(4)
L-Artikolu 3(a) sa (d)	L-Artikolu 3(a) sa (d)
—	L-Artikolu 3(e)
L-Artikolu 3(e)	L-Artikolu 3(f)

(*) It-tabella ta' korrelazzjoni ma nbidlitx biex tirrifletti l-pożizzjoni tal-Parlament. Ser tiġi aġġornata ladarba jintlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill.

Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011

Id-Direttiva 2002/96/KE	Din id-Direttiva
L-Artikolu 3(f)	L-Artikolu 3(g)
L-Artikolu 3(g)	L-Artikolu 3(h)
L-Artikolu 3(h)	L-Artikolu 3(i)
L-Artikolu 3(i)	L-Artikolu 3(j)
L-Artikolu 3(j)	L-Artikolu 3(k)
L-Artikolu 3(k)	L-Artikolu 3(l)
L-Artikolu 3(l)	—
—	L-Artikolu 3(m)
L-Artikolu 3(m)	L-Artikolu 3(n)
—	L-Artikolu 3(o) sa (s)
L-Artikolu 4	L-Artikolu 4
L-Artikolu 5(1) sa (3)	L-Artikolu 5(1) sa (3)
—	L-Artikolu 6(1)
L-Artikolu 5(4)	L-Artikolu 6(2)
L-Artikolu 5(5)	—
—	L-Artikolu 7
—	L-Artikolu 8(1)
L-Artikolu 6(1), l-ewwel u t-tieni subparagrafi u (3)	L-Artikolu 8(2), (3) u (4), l-ewwel subparagrafu u t-tieni subparagrafu, l-ewwel sentenza
L-Anness II (4)	L-Artikolu 8(4), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza
L-Artikolu 6(1), it-tielet subparagrafu	L-Artikolu 8(5)
L-Artikolu 6(6)	L-Artikolu 8(6)
L-Artikolu 6(2)	L-Artikolu 9 (1) u (2)
L-Artikolu 6(4)	L-Artikolu 9(3)
L-Artikolu 6(5)	L-Artikolu 10(1) u (2)
—	L-Artikolu 10(3)
L-Artikolu 7(1)	—
L-Artikolu 7(2)	L-Artikolu 11(1)
—	L-Artikolu 11(2)
L-Artikolu 7(3), l-ewwel subparagrafu	L-Artikolu 11(3)
L-Artikolu 7(3), it-tieni subparagrafu	—
L-Artikolu 7(4)	—
L-Artikolu 7(5)	L-Artikolu 11(4)
L-Artikolu 8(1)	L-Artikolu 12(1)
L-Artikolu 8(2), l-ewwel u t-tieni subparagrafi	L-Artikolu 12(2), l-ewwel u t-tieni subparagrafi
L-Artikolu 8(2), it-tielet subparagrafu	—

Il-Ħamis 3 ta' Frar 2011

Id-Direttiva 2002/96/KE	Din id-Direttiva
L-Artikolu 8(3), l-ewwel subparagrafu	L-Artikolu 12(3), l-ewwel subparagrafu
L-Artikolu 8(3), it-tieni subparagrafu	—
L-Artikolu 8(4)	—
L-Artikolu 9(1), l-ewwel subparagrafu	L-Artikolu 13(1), l-ewwel subparagrafu
L-Artikolu 9(1), it-tieni subparagrafu	—
L-Artikolu 9(1), it-tielet subparagrafu	L-Artikolu 13(1), it-tieni subparagrafu
L-Artikolu 9(1), ir-raba' subparagrafu	L-Artikolu 13(1), it-tielet subparagrafu
L-Artikolu 9(2)	L-Artikolu 13(2)
—	L-Artikolu 14(1)
L-Artikolu 10(1)	L-Artikolu 14(2)
L-Artikolu 10(2)	L-Artikolu 14(3)
L-Artikolu 10(3)	L-Artikolu 14(4)
L-Artikolu 10(4)	L-Artikolu 14(5)
L-Artikoli 11	L-Artikoli 15
—	L-Artikolu 16(1) sa (4)
L-Artikolu 12(1), l-ewwel subparagrafu	L-Artikolu 16(5)
L-Artikolu 12(1), it-tieni, it-tielet u r-raba' subparagrafi	—
L-Artikolu 12(2)	L-Artikolu 16(6)
L-Artikolu 13	L-Artikolu 17
L-Artikolu 14	L-Artikolu 18
L-Artikolu 15	L-Artikolu 19
L-Artikolu 16	L-Artikolu 23(1), l-ewwel subparagrafu
—	L-Artikolu 23(1), it-tieni subparagrafu
—	L-Artikolu 23(2) u (3)
L-Artikolu 17(1) sa (3)	L-Artikolu 24(1) sa (3)
L-Artikolu 17(4)	—
—	L-Artikolu 25
L-Artikolu 18	L-Artikolu 26
L-Artikolu 19	L-Artikolu 27
L-Anness IA	—
L-Anness IB	—
—	L-Anness III
L-Annessi II sa IV	L-Annessi IV sa VI
—	L-Anness VII
—	L-Anness VIII